QORTI CIVILI PRIM`AWLA
(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MCKEON

Illum it-Tlieta 30 ta` Mejju 2017

Kawza Nru. 1
Rikors Nru. 25/16 JZM

Angelo Xuereb (detentur tal-karta tal-identita` 494652M), Claire Zammit (detentrici tal-karta tal-identita` numru 225777M) u Denise Xuereb (detentrici tal-karta tal-identita` numru 127186M) u Suncrest Hotels p.l.c. (C 8643)

*kontra*

L-Avukat Generali

*u*

b`digriet moghti fis-26 ta` April 2016, EZ Limited (C45555), Marianne Bezzina (ID 319564M) u Felix Mifsud (ID 534464M) gew awtorizzati jintervjenu fil-kawza *in statu et terminis*

Il-Qorti :

## A. Preliminari

### 1. Ir-rikors promotur

Rat ir-rikorsipprezentat fil-25 ta` Frar 2016 li jaqra hekk :–

*1. Illi din hija azzjoni kostituzzjonali fejn qed tintalab dikjarazzjoni ta` lezjoni ta` smigh xieraq minhabba l-inverzjoni ta` provi u l-prezunzjoni fl-oneru ta` prova bejn sitwazzjoni civili kuntrattwali u proceduri penali (liema proceduri qed jigu kkontestati bis-sahha kollha). Il-lanjanza tal-esponenti hija, inter alia, illi d-dritt ta` process gust penali ghandu jkun l-ewwel kontingenti fuq ir-resoluzzjoni tal-vertenza civili kuntrattwali. Din il-pozizzjoni giet negata mill-Qorti tal-Magistrati meta din cahdet talba ghal soprasessjoni. Il-fatti huma s-segwenti :*

***FATTI***

*2. ILLI permezz ta` skrittura datata 22 ta` Dicembru 2008, is-socjeta` rikorrenti kriet lis-socjeta` EZ Ltd il-propjeta` fi Triq il-Qawra, Qawra illum uzata bhala banka tal-lottu, fuq liema skrittura dehru Felix Mifsud u Marianne Bezzina bhala garanti solidali.*

*3. ILLI tul il-perjodu ta` kirja u nonostante varji koncezzjonijiet u interpellazzjonijiet, is-socjeta` EZ Ltd kienet kwazi dejjem fi stat ta` morozita` fil-pagament ta` ammonti dovuti, sal-punt illi saret approppjazzjoni tas-somom iddepozitati ai termini tal-Artikoli 12 u 19 tal-kuntratt lokatizzju u ma sar ebda reimbors tal-istess ammonti kif stipulat fl-istess kuntratt.*

*4. ILLI l-kirja surreferita ghalqet fl-14 ta` Frar 2015, pero` l-intimati, nonostante li gew debitament interpellati sabiex jizgombraw il-fond, baqghu jokkupaw l-istess illegalment u abbuzivament.*

*5. ILLI ghal din ir-raguni is-socjeta` Suncrest Hotels p.l.c. ipprocediet b`kawza ta` arbitragg fil-konfront tal-istess EZ Ltd, skont klawsola 21 tal-kuntratt imsemmi.*

*6. ILLI EZ Ltd, Felix Mifsud u Marianne Bezzina, minbarra r-risposta taghhom ghat-talbiet attrici, ipprezentaw rikonvenzjoni li permezz*

*taghha, inter alia, talbu l-hlas tal-ispejjez li allegatament gew inkorsi meta s-socjeta` qatghet is-servizz tal-elettriku.*

*7. ILLI f'Dicembru 2015 Angelo Xuereb, Claire Zammit u Denise Xuereb tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fuq akkuzi ta` ragion fattasi u dan ghaliex allegatament qatghu s-servizz tal-elettriku fil-propjeta` taghhom stess.*

*8. ILLI fis-seduta tal-21 ta` Jannar 2016, l-avukat difensur tal-esponenti talab is-soprasessjoni tal- penali sakemm tigi deciza l-kwistjoni li qieghda tinstema` kontestwalment fl-arbitragg u dan ghaliex, minkejja li l-arbitragg mhijiex procedura penali, iz-zewg kawzi ta` bil-fors iridu jaslu ghall-konkluzjoni ta` jekk l-esponenti humiex hatja tal-qtugh tas-servizz tad-dawl mill-propjeta` in kwistjoni.*

*9. ILLI fl-1 ta` Frar 2016, il-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talba ghal soprasessjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawza kriminali fil-konfront tat-tliet imputati.*

***RAGUNI GHAT-TALBIET***

*10. ILLI ghaldaqstant, il-proceduri kriminali se jkomplu jinstemghu fl-istess waqt tal-proceduri tal-arbitragg u dan meta huwa ben saput illi l-grad ta` prova fil-proceduri civili ta` arbitragg huwa ferm inqas minn dak fil-proceduri kriminali. Dan ifisser illi kwalunkwe xhieda li tinstema` quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-proceduri penali fil-konfront tal-esponenti, se jkun jista` jintuza mill-kontroparti kontra l-istess esponenti fil-proceduri ta` arbitragg, izda bil-vantagg illi l-fatti u l-argumenti mressqa minnhom m`ghandhomx ghalfejn jigu ppruvati sal-grad ta` "beyond reasonable doubt" kif inhu l-kaz fil-kriminal.*

*11. ILLI huwa car ghalhekk illi l-Qorti tal-Magistrati kellha tistenna l-ezitu tal-proceduri ta` arbitragg u dan sabiex jigi salvagwardjat id-dritt tal-esponenti li ma sabux ruhhom f'zvantagg meta kkomparat mal-kontroparti u b`hekk jinzamm il-bilanc delikat li jirrikjedi l-"equality of arms"; liema dritt huwa protett taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*12. ILLI barra minn hekk, l-esponenti issa jsibu ruhhom f'sitwazzjoni ta` incertezza, ghaliex jista` jkun il-kaz li se jkun hemm zewg*

*decizjonijiet konfliggenti fil-konfront taghhom fis-sens li billi l-grad ta` prova fic-civil huwa biss "on a balance of probabilities", jista` jaghti l-kaz li l-Qorti tal-Magistrati ma tkunx konvinta "beyond reasonable doubt", u b`hekk tehles lill-esponenti mill-akkuzi migjuba kontrihom, izda li mbaghad, l-arbitragg jigi deciz kontra taghhom abbazi tal-istess provi migjuba fil-proceduri kriminali, ghaliex il-grad ta` prova kienet biss "on a balance of probabilities".*

*13. ILLI b`hekk is-sitwazzjoni li qeghdin fiha bhalissa, ta` incertezza u vulnerabilita` meta mqabbla mal-kontroparti huwa ta` pregudizzju serju fuq id-dritt taghhom ta` smigh xieraq garantit mill-Kostituzzjoni ta` Malta taht l-Artikolu 39 kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea taht l-Artikolu 6.*

***<u>TALBIET</u>***

*GHALDAQSTANT l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara li bid-Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali tal-1 ta` Frar 2016, id-drittijiet tal-esponenti taht l-Artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta gew vjolati.*

*2. Thassar, tirrevoka u tannulla l-istess Digriet.*

*3. Tordna s-sopressjoni tal-kawza kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) vs Angelo Xuereb, Claire Zammit u Denise Xuereb".*

*4. Taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti li jidhrilha li huma xierqa sabiex l-esponenti jitpoggu fis-"status quo ante" tal-vjolazzjoni.*

*Bl-ispejjez.*

**2. <u>Ir-risposta tal-intimat</u>**

Rat ir-risposta li pprezenta l-Avukat Generali fit-<u>22 ta` Marzu 2016</u> li taqra hekk :–

*(1) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirribatti li mhux minnu li sehh jew li qed isehh xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, minhabba l-fatt li l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Charmaine Galea permezz tad-digriet tal-1 ta` Frar, 2016 ma laqghetx it-talba ghas-soprasessjoni tal-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tar-rikorrenti, pendenti l-ezitu ta` proceduri ta` arbitragg bejn il-kumpanija rikorrenti Suncrest Hotels plc u l-kumpanija EZ Ltd u dan ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :-*

*(1.1) Illi l-esponent jirribatti li t-talba tar-rikorrenti fejn qed jintalab li l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fic-cirkostanzi odjerni ghandha tissoprassjedi, hija insostenibbli fil-fatt u fid-dritt stante li proceduri kriminali u proceduri civili ghandhom bazi guridika diversa bbazata li l-azzjoni civili hija kompletament indipendenti u distinta minn dik penali ;*

*(1.2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu din l-Onorabbli Qorti qed tintalab li tordna s-soprasessjoni ta` proceduri penali quddiem il-Qorti ta` kompetenza "ordinarja", l-esponent jirrileva li l-Gurisprudenza nostrana hija opposta ghal mizura simili, in kwantu tali mizura twaqqaf l-andament normali ta` kawza u twaqqaf l-ispeditezza li tesigi l-gustizzja biex kull kawza tinqata` fi zmien ragonevoli u dan "jista` biss iwassal ghal kroll totali tas-sistema tal-gustizzja taghna li hija gia` mghobbija b`diversi diffikultajiet li mhux il-kompitu ta` din il-Qorti li tidhol fihom f`din is-sentenza"; [Dottor Alfred Mifsud vs Onorevoli Prim Ministru et, Q.K. (20.07.1994); Onorevoli Imhallef Dr Anton Depasquale vs Avukat Generali (01.06.2001)]*

*(1.3) Illi l-esponent jirribatti wkoll li legalment hemm biss l-obbligu tas-soprasessjoni fic-cirkostanza eccezzjonali fejn Qorti ta` kompetenza "ordinarja" rinfaccata b`ilment dwar l-allegat ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem jew tal-Libertajiet Fundamentali tiddeciedi, wara li tanalizza l-kaz u l-lanjanzi quddiemha, tiddeciedi li ma tistax tkompli bis-smigh tal-kaz minghajr id-direzzjoni tal-Qorti Civili fis-Sede Kostituzzjonali taghha u ghalhekk tirreferi l-kaz lilha. [L-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta)] Ghalhekk, hija l-Qorti ta` kompetenza "ordinarja" li qed tisma` l-kaz, li ghandha l-kompetenza sabiex tiddeciedi jekk ghandhiex twaqqaf il-proceduri taghha o meno;*

*(1.4) Illi fil-kaz odjern u dejjem minghajr pregudizzju, in kwantu permezz tar-Rikors odjern ir-rikorrenti qed jittentaw jissovvertu dak diga` deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, l-esponent jirrileva li din l-Onorabbli Qorti li hi ta` natura straordinarja, mhix intiza biex tkun Qorti ta` Appell minn decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati;*

*(1.5) Illi effettivament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Qrati fis-Sede Kostituzzjonali rinfaccati b`talbiet bhal dik odjerna tennew li m`ghandhomx jidhlu fi proceduri quddiem Qrati ohra u dan ghaliex hija l-Qorti ta` Gurisdizzjoni "ordinarja" li ghandha tiddeciedi jekk ghandhiex tibqa` ghaddejja bil-kawza o meno pendenti l-proceduri Kostituzzjonali [Rik. Nru 35/2012 JA – Anthony Taliana u Kummissarju tal-Pulizija et, (6.06.2012); Rik. Nru 33/2013 JA – Angelo Zahra u Onorevoli Prim Ministru et (22.05.2013)];*

*(1.6) Illi minn ezami tar-Rikors Promotur huwa manifest li l-proceduri intavolati mir-rikorrenti huma intizi sabiex jissospendu l-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront taghhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali. Illi "dato ma non concesso" li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma fondati, haga li l-esponent qed jikkontesta, xorta wahda ma jsegwix li dan jaghti lok ghan-nuqqas ta` smigh xieraq. Kif tghallimna l-Gurisprudenza nostrana, id-dritt ghas-smigh xieraq jiggarantixxi l-aderenza ma` certi principji procedurali li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja bhal ma huma l-indipendenza u l-imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, "audi alteram partem" u smigh u pronuncjament tad-decizjoni fil-pubbliku. Fil-fatt, din l-Onorabbli Qorti fil-mansjoni Kostituzzjonali taghha hija kompetenti biss biex tiddeciedi jekk gewx lezi xi drittijiet fondamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea u mhux li tirrevedi d-decizjonijiet tal-Qrati l-ohra sabiex tiddeciedi jekk dawn gewx decizi b`mod korrett o meno. [QK J.E.M. Investments Limited u Avukat Generali et (30.09.2011)] Isegwi ghalhekk li l-allegazzjoni tar-rikorrenti li t-talba taghhom ghas-soprasessjoni ma kellhiex tigi michuda mill-Qorti tal-Magistrati koncernata, ma tikkostitwix ksur awtomatiku tad-drittijiet fondamentali taghhom; a kuntrarju ta` dak li qed jippretendu r-rikorrenti;*

*(1.7) Illi l-Qorti Ewropea tinterpreta kwistjonijiet ta` "interim measures" b`mod ristrett u tikkoncedi tali mizuri biss f`cirkostanzi li jirrigwardaw sitwazzjonijiet estremi ta` allegata vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja u tad-dritt li persuna ma tigix assoggettata ghal tortura jew ghal trattament inuman u degredanti f`kuntest ta` estradizzjoni, deportazzjoni u esplusjoni. Certament illi l-kaz odjern ma jinkwadra taht l-ebda wiehed*

*minn dawn l-artikoli tal-Konvenzjoni li abbazi taghhom jinghataw dawn il-mizuri;*

*(2) Illi finalment, "dato ma non concesso" li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li gew lezi xi drittijiet tar-rikorrenti, fic-cirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta` ksur ghandha tkun sufficjenti;*

*(3) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant l-esponent, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Promotur bhala nfondati fil-fatt u fi dritt, bl-ispejjez kontra taghhom.*

3. <u>Ir-risposta tal-intervenuti fil-kawza</u>

Rat ir-risposta li pprezentaw l-intervenuti fil-kawza fis-<u>16 ta` Mejju 2016</u> u li taqra hekk :–

*ILLI, permezz ta` digriet ta` din l-Onorabbli Qorti tas-26 t`April 2016, l-esponenti gew awtorizzati sabiex jintervjenu "in statu et terminis" fl-atti tal-proceduri odjerni, u dan ghar-ragunijiet hemm imfissra ;*

*ILLI, ghaldaqstant, l-esponenti jixtiequ jipprezentaw din ir-risposta ghar-rikors promotorju ta` Angelo Xuereb (detentur tal-karta tal-identita` numru 494652M), Claire Zammit (detentrici tal-karta tal-identita` numru 225777M), Denise Xuereb (detentrici tal-karta tal-identita` numru 127186M) u Suncrest Hotels p.l.c. (C 8643) ["rikorrenti"] ;*

*I. <u>RETTROXENA</u>*

*ILLI, permezz ta` kuntratt ta` kera tat-22 ta` Dicembru 2008, il-kumpanija rikorrenti Suncrest Hotels p.l.c (C 8643) – li taghha r-rikorrenti Angelo Xuereb, Denise Xuereb, u Claire Zammit huma lkoll diretturi – kriet il-fond kummercjali ossija Lotto Office 336, Qawra Road, Qawra, lill-kumpanija esponenti EZ Limited – li taghha l-esponenti Marianne Bezzina u Felix Mifsud huma garanti – u dan taht il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha hemm imfissra;*

*ILLI, nhar il-31 t'Awwissu 2015,* ***il-kumpanija rikorrenti qatghet il-provvista tal-elettriku*** *gewwa l-fond kummercjali hawn fuq imsemmi, u dan minhabba l-ezistenza ta` diversi pretensjonijiet ta` natura civili li kien hemm bejn il-kontendenti;*

*ILLI, f'dak l-istadju, tali pretensjonijiet kienu jikkonsistu, principalment, fis-segwenti:*

*(i) Ir-rikorrenti kienu qeghdin jippretendu li l-kirja hawn fuq imsemmija kienet skadiet fl-**14 ta` Frar 2015**, u li l-esponenti kellhom ihallsuhom arretrati ta` kera u ta` dawl u ta` ilma;*

*(ii) L-esponenti kienu qeghdin jippretendu li l-kirja hawn fuq imsemmija kienet ghad trid tiskadi nhar is-**7 ta` Gunju 2016**, u li r-rikorrenti kellhom ihallsuhom spejjez ta` xgholijiet li l-esponenti ezegwew gewwa l-fond kummercjali de quo, liema xgholijiet, skont il-kuntratt ta` kera hawn fuq imsemmi, kellhom jigu ezegwiti mir-rikorrenti.*

*ILLI, minkejja li, wara diskussjonijiet li kienu saru bejn il-kontendenti, l-provvista tal-elettriku regghet inghatat lura mir-rikorrenti lill-esponenti dakinhar stess tal-31 ta` Awwissu 2015, il-kumpanija rikorrenti* ***regghet qatghet l-istess provvista nhar it-2 ta` Settembru 215, liema provvista tal-elettriku ghadha maqtugha sal-gurnata tal-lum****;*

*ILLI, permezz ta` kwerela tat-2 ta` Settembru 2015, l-esponenti Marianne Bezzina, fil-kapacita` taghha ta` direttrici tal-kumpanija esponenti EZ, talbet lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu passi kriminali kontra Angelo Xuereb, Denise Xuereb u Claire Zammit, talli, fil-kapacita` taghhom ta` diretturi tal-kumpanija rikorrenti Suncrest Hotels p.l.c., u bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta), nhar il-31 t'Awwissu 2015 u nhar it-2 ta` Settembru 2015, bla hsieb illi jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd illi jippretendu li ghandhom, qatghu il-provvista tal-elettriku fil-fond kummercjali ossija Lotto Office 336, Qawra Road, Qawra;*

*ILLI, ir-rikorrenti Angelo Xuereb, Denise Xuereb, u Claire Zammit, ilkoll gew akkuzati, skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 85 hawn fuq imsemmi, fi proceduri kriminali li ghadhom pendenti sal-gurnata tal-lum quddiem il-Magistrat Dottor Charmaine Galea LL.D. fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Angelo Xuereb et", in konnessjoni mal-fatti hawn fuq esposti;*

*ILLI billi d-dawl fl-imsemmi fond kummercjali* ***<u>ghadu sospiz sal-lum</u>,*** *ossija ghadu ma giex ripristinat mir-rikorrenti, l-esponenti ghandhom kull interess li l-proceduri kriminali* ***<u>sommarji</u>*** *hawn fuq imsemmija jinstemghu kemm jista` jkun malajr, u dan, principalment, sabiex, jekk jista` jkun, ir-rikorrenti jigu kkundannati jirripristinaw is-servizz tad-dawl;*

*ILLI, madankollu, waqt l-ewwel seduta fl-atti tal-proceduri kriminali hawn fuq imsemmija tal-14 ta` Dicembru 2015, ma setghux jitressqu provi mill-prosekuzzjoni billi r-rikorrenti Denise Xuereb ma dehritx;*

*ILLI, waqt it-tieni seduta tal-21 ta` Jannar 2016, ukoll ma setghux jitressqu provi mill-prosekuzzjoni billi r-rikorrenti talbu lill-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, sabiex tissoprassjedi pendenti l-ezitu ta` proceduri ta` arbitragg pendenti bejn il-kontendenti, ossija ARB 4470/2015, fl-ismijiet "Suncrest Hotels p.l.c. vs EZ Ltd, Marianne Bezzina and Felix Mifsud". Tali proceduri ta` arbitragg, kompriza wkoll il-kontrotalba li gietipprezentata mill-esponenti, jittrattaw il-pretensjonijiet civili hawn fuq imsemmija, flimkien ma` pretensjonijiet ulterjuri tal-esponenti rigwardanti spejjez li l-istess esponenti kienu, u addirittura ghadhom sal-lum, qeghdin jinkorru sabiex jiggeneraw l-elettriku mehtieg sabiex tibqa` tigi gestita l-attivita` kummercjali mill-fond de quo;*

*ILLI, waqt it-tielet seduta tal-1 ta` Frar 2016, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali* ***cahdet it-talba ta` soprasessjoni*** *tar-rikorrenti.* ***Dan id-digriet huwa dak meritu tal-proceduri <u>odjerni</u>.*** *Billi, matul din is-seduta, l-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-akkuza, u billi r-rikorrenti talbu li jigu notifikati mill-gdid, regghu ma tressqux provi mill-prosekuzzjoni;*

*ILLI, waqt ir-raba` seduta tat-3 ta` Marzu 2016, ir-rikorrenti pprezentaw kopja tar-rikors kostituzzjonali odjern, u regghu talbu lill-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, sabiex tissoprassjedi, u ghalhekk regghu ma tressqux provi mill-prosekuzzjoni. F'din l-udjenza, il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, tat lir-rikorrenti hmistax-il gurnata zmien sabiex jitolbu "interim measure" minn din l-Onorabbli Qorti f'dan is-sens;*

*ILLI, waqt il-hames seduta tal-11 t'April 2016, ir-rikorrenti, filwaqt illi sostnew illi huma kienu pprezentaw rikors skont l-ahhar verbal, sostnew ukoll illi kien ghad mhemmx digriet minn din l-Onorabbli Qorti, u ghalhekk*

*ma setghux jitressqu provi mill-prosekuzzjoni, u l-kawza giet differita ghall-5 ta` Mejju 2016 fil-11:30 ghall-kontinwazzjoni;*

*ILLI nhar l-14 t`April 2016 inghata digriet minn din l-Onorabbli Qorti li permezz tieghu it-talba tar-rikorrenti ghall-"interim measure", sabiex jieqfu l-proceduri kriminali hawn fuq imsemmija, giet michuda. Ir-rikorrenti appellaw minn dan id-digriet quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, liema proceduri ghadhom pendenti sal-gurnata tal-lum;*

*ILLI, fis-seduta sussegwenti tal-5 ta` Mejju 2016, u minkejja li r-rikorrenti regghu talbu s-soprasessjoni tal-proceduri kriminali pendenti l-ezitu tar-rikors tal-appell taghhom hawn fuq imsemmi, il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta` Gudikatura, laqghet it-talba tal-esponenti sabiex tibda tisma` l-provi, u konsegwentement xehdet l-esponenti Marianne Bezzina, flimkien ma` rapprezentant tal-Malta Financial Services Authority, liema provi ghandhom ikomplu jinstemghu waqt is-seduta li jmiss tas-7 ta` Lulju 2016;*

*ILLI fil-fehma umli tal-esponenti, l-fatti suesposti ghandhom juru bic-car illi r-rikorrenti qeghdin jaghmlu minn kollox sabiex il-proceduri kriminali ma jinstemghux u, sfortunatament, sal-5 ta` Mejju 2016, kien qieghed jirnexxilhom, tant illi, **fil-mori tal-fatti suesposti, u cioe` fis-16 t`April 2016 jew fil-granet precedenti, r-rikorrenti <u>qatghu wkoll is-servizz tal-ilma</u> gewwa l-fond kummercjali de quo, dwar liema fatt l-esponenti gia` pprezentaw kwerela ohra skont il-ligi**;*

*ILLI l-ispejjez li gew inkorsi mill-esponenti nhar il-31 t`Awwissu 2015 u bejn it-2 ta` Settembru 2015 u d-29 ta` Frar 2016, wara li r-rikorrenti qatghu il-provvista tad-dawl gewwa l-fond kummercjali de quo kif hawn spjegat – konsistenti, fost ohrajn, fi spejjez ta` generator, xiri ta` diesel, u spejjez ta` van, inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud – jammontaw ghal **€75,111.85**, u dan apparti spejjez ulterjuri li qeghdin jigu inkorsi mill-esponenti wara li, kif gia` inghad, ir-rikorrenti qatghu wkoll is-servizzi tal-ilma gewwa l-istess imsemmi fond kummercjali;*

*ILLI din is-sitwazzjoni li jinsabu fiha l-esponenti f`dan l-istadju, ossija proceduri kriminali **<u>sommarji</u>**, inizzjati fuq kwerela tat-2 ta` Settembru 2015, **li, sforz il-manuvri tar-rikorrenti, ghadhom kif bdew**, u spejjez bla waqfien. Dan kollu ghaliex ir-rikorrenti ghogobhom jiehdu l-ligi b`idejhom, kif ammettew huma stess diversi drabi, fosthom fl-atti tal-proceduri ta` arbitragg hawn fuq imsemmija, u fil-protest gudizzjarju taghhom tal-14 ta` Settembru 2015.*

## *II. ILMENTI KOSTITUZZJONALI TAR-RIKORRENTI*

*ILLI r-rikorrenti fissru l-ilment kostituzzjonali taghhom b`dan il-mod fir-rikors promotorju:*

*"[ ] **minkejja li l-arbitragg mhijiex procedura penali, iz-zewg kawzi ta` bilfors iridu jaslu ghal konkluzjoni ta` jekk l-esponenti humiex hatja tal-qtugh tad-dawl mill-propjeta` in kwistjoni."***
*[...]*

*"[...] huwa ben saput illi l-grad ta` prova fil-proceduri civili ta` arbitragg huwa ferm inqas minn dak fil-proceduri kriminali. **Dan ifisser illi kwalunkwe xhieda li tinstema` quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-proceduri penali fil-konfront tal-esponenti, se jkun jista` jintuza mill-kontroparti kontra l-istess esponenti fil-proceduri ta` arbitragg, izda bl-izvantagg li l-fatti u l-argumenti mressqa minnhom m`ghandhomx ghalfejn jigu ppruvati sal-grad ta` "beyond reasonable doubt" kif inhu fil-kriminal."***

*"ILLI huwa car ghalhekk illi l-Qorti tal-Magistrati kellha tistenna l-ezitu tal-proceduri ta` arbitragg u dan **sabiex jigi salvagwardjat id-dritt tal-esponenti li ma jsibux ruhhom fi zvantagg meta kkomparat mal-kontroparti u b`hekk jinzamm il-bilanc delikat li jirrikjedi l-"equality of arms"; liema dritt huwa protett taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea."***

*"ILLI barra minn hekk, l-esponenti issa jsibu ruhhom f`sitwazzjoni ta` incertezza, ghaliex **jista` jkun il-kaz illi se jkun hemm zewg decizjonijiet konfliggenti fil-konfront taghhom fis-sens li billi l-grad ta` prova fic-civil huwa biss "on a balance of probabilities", jista` jaghti l-kaz li l-Qorti tal-Magistrati ma tkunx konvinta "beyond reasonable doubt", u b`hekk tehles lill-esponenti mill-akkuzi migjuba kontrihom, izda li mbaghad, l-arbitragg jigi deciz kontra taghhom abbazi tal-istess provi migjuba fil-proceduri kriminali, ghaliex il-grad ta` prova kien biss "on a balance of probabilities."***

*"ILLI b`hekk is-sitwazzjoni li qeghdin fiha bhalissa, ta` incertezza u vulnerabilita` meta mqabbla mal-kontroparti huwa ta` pregudizzju serju fuq id-dritt taghhom ta` smigh xieraq garantit mill-kostituzzjoni ta` Malta taht l-Artikolu 39 kif ukoll mill-konvenzjoni Ewropea taht l-Artikolu 6."*

## *III. RISPOSTA*

*ILLI, fil-fehma umli tal-esponenti, l-ilmenti kostituzzjonali tar-rikorrenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u*

*konsegwentement jimmeritaw illi jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, u dan, fost ohrajn, ghas-segwenti ragunijiet:*

*(i)* *L-esponenti jistghagbu kif ir-rikorrenti qeghdin jilmentaw illi:* ***"minkejja li l-arbitragg mhijiex procedura penali, iz-zewg kawzi ta' bilfors iridu jaslu ghal konkluzjoni ta' jekk l-esponenti humiex hatja tal-qtugh tas-servizz tad-dawl mill-proprjeta' in kwistjoni."***

*Dan qieghed jinghad ghaliex, kienet b'ghazla tar-rikorrenti stess, ossija minghajr hadd ma sfurzahom jew geghlhom, illi huma ghazlu li jammettu, aktar minn darba, illi huma qatghu is-servizz tad-dawl minn gol-fond in kwistjoni, u dan ghaliex, skont huma, kellhom kull dritt illi jaghmlu hekk, inkluz fir-risposta taghhom ghall-kontrotalba fl-atti tal-proceduri ta' arbitragg hawn fuq indikati fejn huma sostnew:*

*"Illi kwalunkwe spejjez gew inkorsi sabiex jiggeneraw elettriku f'fond li huma qeghdin jokkupaw illegalment, abbuzivament u minghajr ebda titolu. Illi in oltre u minghajr pregudizzju,* ***wara li ntefa d-dawl fil-31 ta' Awwissu 2015****, kienu saru diskussjonijiet bejn il-partijiet u kien hemm ftehim bejn il-protestanti li l-elettriku jerga' jigi rispristinat biss jekk il-protestanti jersqu ghal ftehim biex jizgombraw. Illi fil-fatt,* ***wara li gie ripristinat id-dawl****, il-protestanti ghal darb'ohra marru lura fuq il-ftehim taghhom,* ***ghaldaqstant rega' nqata' d-dawl****, u dan strettament kif miftiehem."*

*Apparti minn hekk, ghandu jinghad* ***illi l-proceduri ta' arbitragg bdewhom ir-rikorrenti stess*** *u ovvjament m'ghandux ikun li persuna tithalla twaqqaf proceduri kriminali li jkunu saru kontra taghha sempliciment ghaliex hekk kif tali persuna tigi akkuzata quddiem qorti kriminali, jew malli jkollha suspett ragonevoli li se jigri hekk akkuzata, hija tipprezenta proceduri civili!*

*(ii)* *L-ilment tar-rikorrenti illi:* ***"Dan ifisser li kwalunkwe xhieda li tinstema' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-proceduri penali fil-konfront tal-esponenti, se jkun jista' jintuza mill-kontroparti kontra l-istess esponenti fil-proceduri ta' arbitragg, izda bl-izvantagg li l-fatti u l-argumenti mressqa minnhom m'ghandhomx ghalfejn jigu ppruvati sal-grad ta' "beyond reasonable doubt" kif inhu fil-kriminal."*** *ma jaghmel l-ebda sens legali tenut kont tal-fatt, fost ohrajn, li r-rikorrenti, bhala l-persuni akkuzati fil-proceduri kriminali, ghandhom il-jedd li jibqghu siekta, u jistennew lill-prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha;*

*Fil-fatt, l-esponenti jemmnu, b'kull rispett, li kien aktar jaghmel sens, in linea mal-argumenti tar-rikorrenti, li jintalab li jitwaqqfu l-proceduri civili, milli li jintalab li jitwaqqfu l-proceduri kriminali, u dan ghaliex, filwaqt*

*li persuna, fi proceduri civili, tista` tigi mitluba sabiex tixhed, anke in subizzjoni, dan mhuwiex il-kaz fi proceduri kriminali;*

*Apparti minn hekk, jerga` jinghad li kienu r-rikorrenti stess li bdew il-proceduri civili in kwistjoni.*

***(iii)*** *L-ilment tar-rikorrenti li: "**sabiex jigi salvagwardjat id-dritt tal-esponenti li ma jsibux ruhhom fi zvantagg meta kkomparat mal-kontroparti u b`hekk jinzamm il-bilanc delikat li jirrikjedi l-"equality of arms"**" mhuwiex fondat billi ma jezisti l-ebda zbilanc fl-"equality of arms" kif allegat, u dan ghall-istess ragunijiet indikat taht punti (i) u (ii) hawn fuq indikati.*

***(iv)*** *L-ilment tar-rikorrenti li : "**jista` jkun il-kaz li se jkun hemm zewg decizjonijiet konfliggenti fil-konfront taghhom**" huwa totalment infondat fil-fatt u fid-dritt.*

*L-Artikolu 3(1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment illi: "**Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni civili**", filwaqt li l-Artikolu 6 jiddisponi li: "**L-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra.**".*

***L-esponenti umilment jissottomettu li l-argument tar-rikorrenti huwa wiehed addirittura perikoluz ghaliex, jekk accettat, ikun ifisser li l-ebda kawza kriminali ma tkun tista` tibda tinstema` – inkluz kawzi ta` serq, ta` frodi, ta` qtil volontarju u involontarju, u ohrajn – qabel ma tintemm il-kawza civili – ta` danni, ta` ripristinazzjoni, u ohrajn – li necessarjament issegwi l-kawza kriminali.***

*Apparti minn hekk, fil-fehma umli tal-esponenti, ma kienu jezistu l-ebda ragunijiet validi ghalfejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, kellha tissoprassjedi, u dan anke ghaliex, permezz tal-proceduri ta` arbitragg civili hawn fuq imsemmija, **ma jista` qatt jigi deciz li r-rikorrenti setghu jiehdu l-ligi b`idejhom u jaqtghu d-dawl fil-fond in kwistjoni, u dan anke jekk, ghall-grazzja tal-argument biss, jigi deciz li l-esponenti kienu qeghdin jokkupaw l-istess fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi (haga totalment ikkontestata mill-istess esponenti);***

*Fil-fatt, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 t`Awwissu 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Saliba**, gew trattati cirkostanzi identici ghal dawk odjerni, u fl-istess sentenza intqal fost ohrajn:*

*"L-aggravju tal-appellant hu bazikament wiehed, u cioe` li l-ewwl qorti malament waslet ghall-konkluzjoni li dak li sehh kien jammonta ghar-reat ta` ragion fattasi bi ksur tal-Artikolu 85(1) tal-Kodici Kriminali. Hu jikkontendi li dak li huwa ghamel, **ghamlu biss biex jiddefendi l-interessi tieghu**. Subordinatament hu jghid li fi kwalunkwe kaz l-ewwel qorti ma setghetx tordnalu jirripristina s-servizz tad-dawl fil-fond in kwistjoni."*

*[...]*

***"Fil-fehma tal-Qorti, dan hu kaz klassiku ta` ragion fattasi."***

*[...]*

*"**Issa, fil-kaz in dizamina, l-appellant, ghax deherlu li Xerri ma kellux aktar dritt jibqa` fl-appartament in kwistjoni jekk qabel ma jhallasx il-kont kollu pendenti tad-dawl, ipprova jikkostringih jizgombra mill-imsemmi fond billi jaghlaqlu d-dawl mill-main li kien jinsab f'post li ghalih Xerri ma kellux access**; u wara, tramite l-Avukat tieghu, anke ta istruzzjonijiet lill-Korporazzjoni Enemalta biex din taqta` ghal kollox il-provvista tad-dawl fl-istess fond. Il-fond in kwistjoni huwa dar ta` abitazzjoni u mhux xi remissa jew mahzen, u allura d-dawl elettriku huwa meqjus bhala essenzjali biex dak li jkun jaghmel uzu minn dak il-fond skont id-destinazzjoni tieghu bhala dar ta` abitazzjoni. **B'dan il-mod l-appellant, biex jipprova jottjeni l-izgumbrament ta` Xerri, flok ma pproceda biss skont il-mezzi li taghtih il-ligi, mar oltre u ha l-ligi b'idejh billi eskogita mod kif ifixkel lill-imsemmi Xerri bis-shih fil-pussess li huwa ghandu tal-fond in kwistjoni bl-iskop (kif jirrizulta issa car wara li saret il-kawza ghall-izgumbrament) li dana Xerri jkollu jhalli l-appartament.** Din il-Qorti taghmilha cara li mhix qed tghid li Xerri ghandu dritt jibqa` fil-fond de quo, jew li m'ghandux ihallas il-kont jew kontijiet pendenti; **dak li qed tikkonstata gudizzjarjament huwa semplicement li l-appellant ma jistax, b'mod subdolament travisat, jikkostringi lil Xerri jizgombra mill-fond li bhalissa huwa qed jokkupa minflok ma jipprocedi biex jizgumbrah skont il-ligi, jew billi jikkostringih jizgombra qabel ma dawk il-proceduri jkunu hadu l-kors normali taghhom."***

*Ghalhekk, jekk sarx reat jew le tista` tiddecidih biss il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, u l-ebda Qorti ohra,* **u dan f'cirkostanzi fejn dik l-istess Qorti m'ghandhiex, ghal fini tal-akkuzi kif dedotti, tidhol fi kwistjonijiet ta` titolu**, *u dan anke kif inghad f'diversi sentenzi, fosthom dik hawn fuq citata.*

**(v)** *Huwa car, fil-fehma umli tal-esponenti, li l-iskop ewlieni tar-rikorrenti* **kien u ghadu** *li jitwaqqfu l-proceduri kriminali hawn fuq imsemmija u dan f'cirkostanzi fejn, kif gia` sostniet din l-Onorabbli Qorti fid-digriet taghha tal-14 t'April 2016, ma tezistix l-eccezzjonalita` tassew vera u reali tal-mizura, ossija tat-twaqqif tal-proceduri kriminali kif mitlub mir-rikorrenti;*

*(vi) Fi kwalunkwe kaz, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif se jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

## *IV. KONKLUZJONI*

*ILLI, ghaldaqstant, abbazi anke tal-mod kif il-gurisprudenza interpretat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, ma tezisti l-ebda lezjoni kif allegata mir-rikorrenti fir-rikors promotorju taghhom;*

*Tant ghandhom l-unur iwiegbu l-esponenti ghall-gudizzju savju u superjuri ta` din l-Onorabbli Qorti.*

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## B. Provi

### 1. Dokumenti

Kienu prezentati bhala prova d-dokumenti li gejjin :-

a) Protest gudizzjarju pprezentat fl-14 ta` Settembru 2015.

b) Kontroprotest ipprezentat fl-20 ta` Ottubru 2015.

c) Kopja tal-atti ta` l-arbitragg nru. 4470/2015.

d) Kopja ta` digriet ta` l-1 ta` Frar 2016 fil-kawza "*Il-Pulizija vs Angelo Xuereb et*" fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali cahdet it-talba ghas-soprasessjoni, u ordnat il-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza.

e) Kopja tal-kwerela tat-2 ta` Settembru 2015 ta` Marianne Bezzina bhala direttur ta` EZ Limited (Dok AS1).

f) Kopja tal-kwerela tal-25 ta` April 2016 ta` Marianne Bezzina bhala direttur ta` EZ Limited (Dok AS2).

## 2. Xiehda

**Felix Mifsud** ikkonferma d-dokumenti ezebiti a fol 9 u 10, u a fol 88 sa 94 tal-process.

Xehed illi l-intervenuti fil-kawza ghamlu kuntratt ta` kera mar-rikorrenti Suncrest Hotels plc fit-22 ta` Dicembru 2008 dwar banka tal-lottu bl-indirizz Lotto 56, Qawra Road, Qawra.

Qal illi fi Frar 2015, Suncrest Hotels plc baghtet ittra b`talba sabiex l-intervenuti fil-kawza jizgumbraw mill-post sal-15 ta` Frar 2015.

Stqarr illi ma kienx hemm qbil dwar l-*invoicing* tad-dawl u l-ilma, dwar l-ammont ta` kera, u dwar id-data ta` terminazzjoni peress li, skont hu, il-kirja kienet tintemm fis-7 ta` Gunju 2016 u mhux fil-15 ta` Frar 2015.

Stqarr illi kien hemm kwistjoni ohra dwar xogholijiet li kellhom ikunu lesti sa certa data u li baqghu ma tlestewx tant li kellu jaghmel ix-xoghol hu stess.

Kompla jghid illi wara Frar 2015, saret garanzija favur Suncrest Hotels plc izda din zbankat il-garanzija minghajr il-kunsens tal-intervenuti fil-kawza.

Qal illi ghall-ahhar ta` Awissu 2015 Suncrest Hotels plc bdiet proceduri ta` arbitragg. U wara qatghet is-servizz tad-dawl tal-post li kienu jikru minghandha.

Fisser illi l-arbitragg baqa` ghaddej.

Sostna li ghall-ewwel li nqata` s-servizz tad-dawl, dan rega` nghata.

Kompla jghid illi ghal darb`ohra, is-servizz rega` nqata` ; din id-darba baqa` maqtugh.

Qal illi huwa ghamel kwerela mal-pulizija kif ukoll ipprezenta protest gudizzjarju.

Spjega li saru proceduri kriminali li pero` baqghu jigu differiti, u kienu ghadhom pendenti.

In segwitu nqata` wkoll is-servizz ta` l-ilma.

Stqarr illi l-intervenuti fil-kawza baqghu fil-pussess ta` l-post sas-7 ta` Gunju 2016 u kienu jinqdew b` *generator* u b` *bowser* ta` l-ilma.

Kompla jghid li meta spicca bla servizz ta` l-ilma, huwa ghamel kwerela ohra.

## C. <u>**Fatti**</u>

Permezz ta` skrittura tat-22 ta` Dicembru 2008, Suncrest Hotels plc kriet lil EZ Ltd proprjeta` fi Triq il-Qawra, Qawra, ghall-uzu ta` banka tal-lottu.

Fuq din l-iskrittura, dehru wkoll Felix Mifsud u Marianne Bezzina bhala garanti solidali.

Fi Frar 2015, Suncrest Hotels plc interpellat lil EZ Limited sabiex tizgombra mill-fond li kien mikri lilha, izda EZ Limited baqghet tokkupa l-fond.

Kien ghalhekk li bdew proceduri ta` arbitragg minn Suncrest Hotels plc nru ARB 4470/2015 fl-ismijiet : <u>*Suncrest Hotels plc vs EZ Limited et.*</u>

Intant fl-ahhar ta` Awissu 2015, kienet maqtugha l-provvista tal-elettriku fil-fond li kien soggett ghal-lokazzjoni.

Fil-proceduri ta` l-arbitragg, Suncrest Hotels plc talbet sabiex jigi :-

dikjarat li l-kuntratt ta` kiri datat 22 ta` Dicembru 2008 skada fl-14 ta` Frar 2015 jew data verjuri, u li konsegwentement is-socjeta` EZ Limited kienet qieghda tokkupa l-istess fond illegalment u abbuzivament ;

ordnat l-izgumbrament tas-socjeta` EZ Limited mill-fond lokat ;

likwidat u ordnat il-hlas mill-intimati tad-danni nkorsi minhabba l-okkupazzjoni illegali ;

ordnat il-hlas mill-intimati ghall-konsum ta` dawl u ilma, u spejjez ohra imposti mill-fornitur ta` l-istess servizzi .

Fl-arbitragg, l-intervenuti fil-kawza tal-lum ghamlu kontrotalba minn sabiex jithallsu l-ispejjez li nkorrew meta Suncrest Hotels plc qatghet is-servizz ta` l-elettriku mill-fond. Talbu wkoll :-

dikjarazzjoni li l-kuntratt ta` kera tat-22 ta` Dicembru 2008 kien jiskadi fis-7 ta` Gunju 2016, u mhux fil-15 ta` Frar 2015, kif pretiz minn Suncrest Hotels plc ; u

likwidazzjoni tal-ammonti kollha dovut mill-kumpannija rikorrenti u kundanna ghal hlas favur taghhom ta` dawk l-ammonti.

Fit-2 ta` Settembru 2015 Marianne Bezzina ghal EZ Limited ipprezentat kwerela sabiex jittiehdu passi kriminali kontra Angelo Xuereb, Denise Xuereb u Claire Zammit abbazi tal-Art 85 tal-Kap 9. Fil-fatt f`Dicembru 2015, it-tlieta li huma tressqu akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali.

Jirrizulta illi fil-kors ta` dak il-procediment, l-akkuzati talbu s-soprasessjoni tal-kawza, sakemm ikun deciz l-arbitragg, ghaliex ghalkemm l-arbitragg kien procediment civili, iz-zewg procedimenti bilfors kellhom jaslu ghal konkluzjoni dwar jekk ir-rikorrenti kinux jahtu ghall-qtugh tas-servizz tad-dawl mill-fond in kwistjoni. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali cahdet it-talba b`digriet li tat fl-1 ta` Frar 2016.

Ir-rikorrenti sostnew illi dak id-digriet kien jikser il-jedd taghhom ghal smigh xieraq kif tutelat bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 6 tal-Konvenzjoni. Ghalhekk saret din il-kawza.

Fil-kors ta` din il-kawza, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex taghti ordni lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali sabiex din tistenna l-ezitu ta` din il-kawza. It-talba pero` kienet michuda minn din il-Qorti fl-14 ta` Marzu 2016, u l-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat il-posizzjoni ta` din il-Qorti bi provvediment illi tat fit-30 ta` Settembru 2016.

Fil-mertu, l-ilmenti tar-rikorrenti huma dawn :-

Illi jekk din il-Qorti ma ssibx vjolazzjoni ghax mhux se jkun hemm soprasessjoni, il-procediment ta` arbitragg ser jitlef l-iskop u l-effett tieghu, u b`hekk ikun hemm vjolazzjoni tal-jedd ghal smigh xieraq ghaliex mhux se jkollhom access effettiv ghall-qorti billi materja ta` natura civili tigi determinata u decizjoni minn tribunal b`kompetenza civili fejn il-qies tal-prova jigi mizurat biss fuq bilanc ta` probabilitajiet ;

Illi l-fatt illi prova li tkun saret fi procediment kriminali tista` tintuza kontra r-rikorrenti meta hemm l-iskrutinju huwa dak ta` prova lil hinn minn dubju dettat mir-raguni tqieghed lir-rikorrenti fi zvantagg fil-konfront tal-parti avversarja bi ksur tal-principju ta` *equality of arms* li huwa ntegrali fid-dritt ghal smigh xieraq.

## D. <u>Is-soprasessjoni</u>

Sar ezami tal-procedura ta` soprasessjoni fid-decizjoni li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta` Lulju 2015 fil-kawza '<u>Partit Nazzjonalista et. vs Kummissjoni Elettorali et</u>' fejn inghad hekk :-

> *Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijet li jippronunzjaw ruhhom dwar talba simili u huma konkordi li s-soprasessjoni huwa rimedju eccezzjonali peress li tiffrena kawza u izzommha milli tinqata` bi speditezza fi zmien ragjonevoli. (Ara sentenza fl-ismijiet **<u>Dott.Alfred Mifsud v. Onor. Prim Ministru</u>**, Q.K. - deciza fl-20 ta` Lulju, 1994).*
>
> *Tant hu hekk li l-Qrati taghna sostnew li s-sistema giuridika taghna kienet tikkontempla biss l-eccezzjoni tal-lis alibi pendens u l-konnessjoni ta` azzjonijiet, u li s-soprasessjoni bhala istitut kienet giet introdotta biss permezz tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni (u 4(3) tal-Kap 319) fil-kuntest ta` riferenza ta` kwistjoni*

*kostituzzjonali (jew konvenzjonali). Hekk gie espress fil-kaz fl-ismijiet* **Lawrence Cuschieri vs Onorevoli Prim Ministru nomine et.** *- QK-12 ta` Awwissu 1994 fejn il-Qorti issenjalat li s-soprasessjoni tista` tipparalizza totalment il-funzjonament tal-Qrati u lamministrazzjoni tal-gustizzja.*

*Dan is-sentiment jinsab rifless ukoll fis-sentenza fl-ismijiet* **l-On.Imh. Dottor Anton Depasquale v Onor. Prim Ministru,** *Q.K. - deciza fl-20 ta` Lulju, 1994) fejn il-Qorti sabet li*

*"L-istat prezenti ghalhekk tal-ligi taghna hija li ebda Qorti ma ghandha tissopprassjedi hlief kif provvdut fis-sub-artikolu (3) ta` l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fuq ikkwotat ghax l-accettazzjoni ta` dan il-principju jista` biss iwassal ghal kroll totali tas-sistema tal-gustizzja taghna li hija gia` mghobbija b`diversi diffikultajiet li mhux il-kompitu ta` din il-Qorti li tidhol fihom f din is-sentenza."*

*Madanakollu traccjata l-gurisprudenza f dan ir-rigward insibu li provvediment dwar soprasessjoni huwa mholli ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Difatti l-Qrati taghna ammettew is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta soprasessjoni tkun spedjenti;(Kollez Vol XXXIX.I.467; Appell Civili –* **"Cassar vs Xuereb"** *– 12 ta` Marzu 1973) fejn tinqala` kwistjoni li d-decizjoni taghha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu tal-kawza; u ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta` xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta. (PA(NC) -* **Gaffarena Joseph et vs Mixer Concrete Works Limited et**. *Deciza fis-27 ta` Mejju 2005)*

*L-ezercizzju tad-diskrezzjoni mitluba mill-gudikant tiddependi mic-cirkostanzi partikolari u specjali ta` kull kaz (ara – Appell Civili –* **Grech noe vs Buttigieg et noe** *– 26 ta` Marzu 1984) u gie ritenut ukoll li qorti m`ghandhiex tordna s-soprasessjoni jekk il-parti l-ohra tkun sejra tbaghti pregudizzju. (***Amber Properties Limited (C-28781) v Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited (C-43884) et** *- PA 25 ta` Marzu 2013).*

*Illi fil-fehma tal-Qorti, il-konsiderazzjonijiet ta` speditezza japplikaw b`aktar importanza f kazijiet ta` natura kostituzzjonali u konvenzjonali billi l-obbligu huwa partikolarment impost fuq din il-Qorti li hu mahsub li ssmigh quddiema "ghandu jkun b`kull heffa possibbli " (subartikolu (7) ta` l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.) Din id-disposizzjoni hija riflessa fir-Regolamenti tal-Qorti promulgati bl-Avviz Legali 279 tal-2008.*

*Kif gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz* **Perit Joseph Barbara et v On. Prim Ministru et** *(13 ta` Jannar 2015), "il-*

*Kostituzzjoni fl-Art. 46 qieghda tistabbilixxi gurisdizzjoni specjali sabiex jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali kontemplati fil-Kostituzzjoni u ghal finijiet ta` din il-gurisdizzjoni specjali qeghda tistabbilixxi procedura specjali u tikkonferixxi certi setghat sabiex il-Qorti tezercita dik il-gurisdizzjoni specjali – tant li fl-Art. 46(6) u l-Art. 95(4) qeghda tikkontempla setghat zejda li jigu moghtija b`Att tal-Parlament sabiex `il-Qorti tkun tista` effettivament tezercita l-gurisdizzjoni moghtija lilha b`dan l-artikolu".*

*Minn dak ippronunzjat fis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi fuq citati fl-ismijiet* ***Lawrence Cuschieri vs Onorevoli Prim Ministru nomine et****, u* ***On. Imh. Dottor Anton Depasquale v Onor. Prim Ministru,*** *jsorgi l-hsieb li s-soprasessjoni mhix ikkontemplata fi proceduri ta` indoli kostituzzjonali ghajr ghal dak regolat bl-artikolu 46 u 4 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament. Dan hu konformi mal-principju ta` heffa li jippernja r-regoli procedurali f dawn il-kawzi. Kawzi fejn persuna qed iggib il-quddiem ilment ta` lezjoni ta` drittijiet l-aktar fondamentali ma tistax tistenna. Dan huwa konsegwenza logika tal-konsiderazzjoni li kawza ta` allegat ksur ta` jeddijiet fondamentali m`ghandhiex tistenna l-ezitu ta` kawza marbuta ma` konsiderazzjonijiet ta` ligi ordinarja. F tali kaz il-Qorti stess tista` tiddeklina milli tezercita l-kompetenza taghha sakemm ir-rimedju ordinarju jigi ezawrit."*

Il-konvenut fil-kawza "**Sylvana Tanti kontra Noel Tanti et**" (deciza fit-3 ta` April 2014) kien ghamel talba lil din il-Qorti kif ippreseduta sabiex tissoprassjedi f`dik il-kawza, pendenti l-esitu finali ta` proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu u ohrajn, wara kwerela tal-attrici, liema proceduri kienu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.

Il-Qorti cahdet it-talba ghal soprasessjoni billi qalet hekk :-

*Illi l-Qrati taghna ammettew is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta soprasessjoni tkun spedjenti. (Kollez Vol XXXIX.I.467 ; Appell Civili –* ***"Cassar vs Xuereb"*** *– 12 ta` Marzu 1973). L-ispedjenza ma tistax tkun mera possibilita`.*

*Illi jirrizulta li l-konvenut Noel Tanti xehed fil-kawza tal-lum aktar minn darba. L-ahhar okkazjoni kienet meta xehed minn jeddu fl-udjenza tat-30 ta` Mejju 2013. F`dik l-udjenza l-attrici permezz tad-difensuri taghha ddikjarat illi ma kellhiex domandi in kontroezami x`taghmel lill-istess konvenut..*

*Illi l-ahhar li xehed il-konvenut Noel Tanti kien wara li l-attrici kienet diga` pprezentat il-kwerela taghha. Jirrizulta li l-kwerela ntbaghtet lill-Kummissarju talPulizija fl-10 ta` Mejju 2012.*

*Illi hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi l-esitu finali tal-kawza kriminali li ghaliha jirreferi l-konvenut Noel Tanti fir-rikors tieghu la jinfluwixxi u lanqas jincidi fuq il-mertu tal-kawza tal-lum.*

*Illi jirrizulta mid-dokumenti esebiti mar-risposta tal-attrici illi fejn jirrigwarda lill-konvenut Noel Tanti, ix-xilja tal-attrici mhijiex illi dan il-konvenut xehed il-falz fil-kawza tal-lum.*

*Illi fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1981 fil-kawza "**Degaetano vs Galea et noe**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :*

*"Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista` jiddependi mill-ezitu ta` kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta` din id-dipendenza".*

*Illi hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi l-fattur tal-ispedjenza mhuwiex sodisfatt fil-kaz tal-lum.*

*Illi hija wkoll il-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi eventwali soprasessjoni ta` din il-kawza tippregudika lill-attrici ladarba rrizulta li fejn jirrigwarda lill-konvenut Noel Tanti l-proceduri kriminali pendenti m`ghandhomx relazzjoni mal-kawza tal-lum.*

*Illi din il-Qorti tabbraccja l-principju li s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (Kollez Vol XLI.I.507 ; u Qorti Kostituzzjonali – "**Cuschieri vs Onor Prim` Ministru**" – 12 ta` Awissu 1994).*

*Illi provvediment dwar soprasessjoni huwa mholli ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Fic-cirkostanzi ta` dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tal-konvenut Noel Tanti mhijiex gustifikata."*

Ta` l-istess portata kien il-provvediment illi tat din il-Qorti kif presjeduta fl-10 ta` April, 2014 fil-kawza "**Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq v. Annamaria Spiteri Debono pro et noe et**".

Qorti ghandha tilqa` talba ghas-soprasessjoni meta jkun spedjenti li taghmel hekk (ara **Kollez. Vol. XXXIX.I.467** ; u Appell Civili – **Cassar vs Xuereb** – 12 ta` Marzu 1973), spedjenti fis-sens meta l-kwestjoni involuta fil-kawza pendenti quddiem qorti ohra tkun tali li d-decizjoni tista` tinfluwixxi l-meritu tal-azzjoni prezenti (ara – **Galea vs Galea** – Appell Inferjuri – 23 ta` April 1955).

Is-soprasessjoni tkun indikata ghal dawk il-kazi meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta` xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta sa dik is-soluzzjoni (ara – **Azzopardi vs Critien pro et noe** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 12 ta` April 1962).

Ikun hemm lok ghas-soprasessjoni meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista` jiddependi mill-ezitu ta` kawza ohra. Kwindi ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta` dipendenza ta` kawza fil-konfront ta` ohra. (ara – **Degaetano vs Galea et noe** – Appell Civili – 5 ta` Ottubru 1981).

Qorti m`ghandhiex tordna s-soprasessjoni jekk il-parti avversarja tkun sejra tbati pregudizzju.

Is-soprasessjoni hija rimedju straordinarju u eccezzjonali, ghaliex tiffrena l-andament normali ta` kawza billi twaqqaf kawza. L-ispeditezza u l-gustizzja jesigu illi kull kawza tigi deciza fi zmien ragonevoli. Ghandha tigi applikata biss jekk hu necessarju fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. (**Kollez. Vol. XLI.I.507**).

L-ghoti tas-soprasessjoni tibqa` ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-qorti (**Kollez. Vol XXXII.II.197**) u tkun tiddependi mic-cirkostanzi partikolari u specjali ta` kull kaz (ara – Appell Civili – **Grech noe vs Buttigieg et noe** – 26 ta` Marzu 1984)

## E. Il-mertu

Tajjeb jinghad illi qorti ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali mhijiex intiza sabiex isservi bhala qorti ta` appell tat-tielet grad minn decizjonijiet moghtija mill-qrati ordinarji ghaliex appell tat-tielet grad mhuwiex ammess fis-sistema guridiku Malti.

Minn Pag 81 sa Pag 267 tar-Raba` Edizzjoni (2011) ta` **A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights** (Sweet & Maxwell), il-gurista **Karen Reid** tittratta dak li hija ssejjah il-"*problem areas*" tal-"*fair trial guarantees*".

Il-Qorti sejra tislet brani minn din il-kitba li fil-fehma taghha huma rilevanti ghall-mertu tal-kawza tal-lum :-

**Pag 81** :-

*The key principle governing Art 6 is **fairness … of the proceedings as a whole** …*

**Pag 82** :-

*The right to a fair trial is seen as holding so prominent a place in democratic society that the Court has stated that there is not justification for interpreting Art 6 Para 1 restrictively. Whatever the importance of public interest in, for example, fighting organised crime, the fair administration of justice cannot be sacrificed to expedience …*

***As to fairness, it is perhaps simpler to say what it does not mean. The Commission frequently stated, and the Court continues to emphasise, that the Convention organs are not courts of appeal from domestic courts and cannot examine complaints that a court has made errors of fact or law or reached the wrong decision or that a person was, for example, wrongly convicted. They will not enter into the merits of decisions. For this reason, complaints concernming miscarriages of justice are unlikely to succeed before them.***

*Domestic courts are in the best position to assess the evidence before them, to decide what is relevant or admissible. Matters of appreciation of domestic law and the categorisation of claims in domestic law are also primarily for the appreciation of domestic courts …*

Fis-sentenza li tat fit-30 ta` Settembru 2011 fil-kawza "**J.E.M Investments Ltd v. Avukat Generali et**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk –

*id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tassentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma` certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza filpubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba talgustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni*

*Kostituzzjonali taghha, m`hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta` Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi `sewwa` jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*

1. <u>L-ilmenti tar-rikorrenti</u>

a) <u>Bil-mod kif tqies il-procediment arbitrali kien hemm lezjoni tad-dritt ghal access effettiv ghal qorti</u>

Ir-rikorrenti jilmentaw illi kien ikun ghaqli ghall-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali illi tistenna l-ezitu ta` l-procediment arbitrali, peress li l-procediment tal-ahhar kien jittratta dwar l-okkupazzjoni illegali tal-fond de quo, u l-inadempjenza da parti tal-intervenuti fil-kawza li jhallsu ammonti dovuti lir-rikorrenti ; inoltre kien hemm kontrotalba ghal spejjez li allegatament kienu nkorsi mill-intervenuti fil-kawza b`effett tal-qtugh tad-dawl fil-fond de quo.

Inghad mir-rikorrenti illi abbazi tar-rekwiziti tar-reat ta` *ragion fattasi* li bih huma akkuzati r-rikorrenti, jirrizulta li sabiex il-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali ssibhom hatja skont l-akkuza kien ser ikollha tidhol fil-kwistjoni tal-okkupazzjoni tal-fond mill-intervenuti fil-kawza, li huwa wkoll il-mertu ta` l-arbitragg.

Ir-rikorrenti jsostnu li l-kwistjoni tal-okkupazzjoni llegali tal-fond hija kwistjoni li ma tirrikjedix indagini approfondita.

Saret insistenza mir-rikorrenti illi l-proceduri ta` arbitragg ser jitilfu l-iskop taghhom bi pregudizzju kbir ghalihom specjalment fid-dawl tal-ispejjez li hallsu ghal dawk il-proceduri. Dan iwassal ghal sitwazzjoni fejn il-kawza kriminali sejra twarrab l-effettivita` tal-proceduri tal-arbitragg, kif ukoll se jkun hemm lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti li l-kaz taghhom jigi deciz minn tribunal ta` kompetenza civili fejn il-grad ta` prova huwa dak tal-bilanc ta` probabilitajiet.

Premess l-ilment, il-Qorti tqis li d-dritt ta` smigh xieraq jinkorpora fih d-dritt li kull persuna ghandha d-dritt li tadixxi lill-qrati ghal ilment taghha u tinghata rimedju effettiv fil-kaz illi jirrizulta ppruvat dak l-ilment.

Madanakollu ghandha ssir distinzjoni bejn proceduri kriminali u proceduri civili li min-natura taghhom huma distinti minn xulxin, tant li azzjoni civili hija kompletament indipendenti mill-azzjoni kriminali.

Minn ezami tal-proceduri in kwistjoni, jirrizulta li l-procediment arbitrali kien istitwit sabiex jezamina l-kuntratt ta` kiri datat 22 ta` Dicembru 2008, u sabiex *inter alia* jigi ordnat l-izgumbrament ta` l-intervenuti fil-kawza odjerni, mentri fil-kontrotalba, l-intervenuti fil-kawza odjerni talbu dikjarazzjoni dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratt ta` kiri, kif ukoll likwidazzjoni ta` danni sofferti minnhom, in vista ta` qtugh tal-provvista tad-dawl fil-31 ta` Awissu 2015 u fit-2 ta` Settembru 2015. Minn ezami tal-kwerela, jirrizulta li l-kawza kriminali kienet istitwita minhabba l-qtugh tal-provvista tad-dawl fil-31 ta` Awissu 2015 u t-2 ta` Settembru 2015. Ghalhekk il-kontrotalba tirrigwarda l-istess fatti mertu tal-proceduri kriminali.

Minkejja dan kollu l-azzjoni civili u l-azzjoni penali jibqghu separati, distinti u ndipendenti minn xulxin.

Tajjeb jinghad illi l-ligi taghna taghmel distinzjoni netta bejn iz-zewg tipi ta` azzjoni li jitnisslu minn reat ghaliex jimxu b`mod indipendenti minn xulxin u bi grad ta` prova distint ghaz-zewg procedimenti. Fil-kawza kriminali, il-grad tal-prova jrid jwassal oltre kull dubju dettat mir-raguni waqt illi fl-azzjoni civili l-grad ta` prova huwa dak tal-bilanc ta` probabilitajiet : bejn iz-zewg gradi ta` prova hemm differenza evidenti *of degree.*

Id-distinzjoni bejn iz-zewg azzjonijiet hija riflessa fl-**Art 3 tal-Kap 9** li jghid hekk :-

*(1) Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni civili.*

*(2) L-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta` gurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab piena kontra l-hati.*

*(3) L-azzjoni civili titmexxa quddiem il-qrati ta` gurisdizzjoni civili, u biha jintalab il-hlas tal-hsara li ssir bir-reat.*

Fid-decizjoni li tat din il-Qorti diversament ippreseduta fl-1 ta` Dicembru 1955 fil-kawza '**Carmelo Camilleri vs Gejtu Cassar**' inghad hekk :-

*illi huwa veru li, in vista tal-indipendenza ta` l-azzjoni civili mill-azzjoni kriminali, il-provi testimonjali prodotti fil-proceduri*

*kriminali ma jistghux jigu utilizzati ghall-finijiet tal-kawza civili, jekk ma jkunx hemm ftehim bejn il-partijiet, izda skond il-gurisprudenza f din il-materja, dan id-divjet huwa applikabbli fil-kaz ta` provi testimonjali li ma jkunux gew riprodotti fil-kawza civili (Kollez XXVI-I-885 u XXIX-I-811) b` mod illi, jekk dawn il-provi jergghu jingiebu fil-proceduri civili, kif inhu l-kaz, xejn ma ghandu jimpedixxi lill-Qorti Civili li, ghall-fini tal-konfront u tal-attendibbilita` ta` dawk il-provi, taghmel uzu anki mill-provi migjuba quddiem il-Qorti Kriminali. Mill-principju sancit fl-art 6 tal-Kodici Penali Malti, jigifieri tal-indipendenza tal-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni civili ghandhom isiru ex integro quddiem il-Qorti Civili kompetenti u dawk tal-azzjoni kriminali, anki ex integro, quddiem il-Qorti Kriminali, pero` xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi ghall-fini tal-attendibilita` taghhom u tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Minn hawn jidher ukoll illi konformement ghar-regola generali relattiva ghall-provi, tista` tigi prodotta f kawza civili, li tkun ghada pendenti, kopja awtentika ta` sentenza moghtija minn Qorti Kriminali feuq dawk l-istess fatti u dan anki in forza ta` l-artikolu 627(1) tal-Kodici tal-Procedura Civili. F` dan is-sens hija l-gurisprudenza taghna (Kollez VI pag 143, col 2da). Del resto, jidher illi l-legislatur huwa favorevoli ghall-konfront tad-diversi dikjarazzjonijiet maghmula mix-xhieda kif jirrizulta mill-art 583 u 585 (1) tal-Kodici fuq imsemmi.*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza "<u>Jason Genovese v. Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali</u>" fit-12 ta` Mejju 2015 inghad hekk :-

*"Sabiex l-artiklu 6 jigi applikat, irid ikun hemm kontestazzjoni bejn zewg partijiet privati izda dan gie ezaminat ukoll fil-kuntest partikolari tal-process kriminali.*

*"Bhala principju generali l-Qorti Ewropea kellha l-okkazzjoni li tidhol fid-definizzjoni ta` "drittijiet u obbligazzjonijiet civili" sabiex tiddetermina l-ammissibilita` ta` kwistjoni taht l-artiklu 6(1) :*

*"Although the Court has stated in some cases that the concept of civil rights and obligations is autonomous and cannot be interpreted solely by reference to the domestic law of the respondent state, (See e.g. Ringeisen v. Austria, 16 July 1971, para. 94, and König v. the Federal Republic of Germany, 28 June 1978, para. 88) it has also stated that for Article 6 to apply there must be a right in national law which is capable of being classified by the European Court as civil (Z and others v. the*

*United Kingdom, 10 May 2001, and Roche v. the United Kingdom,19 October 2005) (Guide to the Implementation of Article 6 of the European Convention on Human Rights - Echr Handbook No.3 p.11).”*

*“Huwa principju ammess li dak li hu rilevanti mhuwiex il-karattru tal-ligi li minnha jitnissel id-dritt, imma l-karattru sostantiv tad-dritt fih innifsu. (Ringeisen v Austria Op.cit).*

*“Fil-kaz in ezami, r-rikorrent qed ifittex kumpens ghad-danni sofferti b`kagun tal-aggressjoni u serq kommess mill-akkuzati. Id-dritt ghall-kumpens minhabba att illecitu huwa palezament dritt ta` karattru civili. (Ara ad.ez. l-Art.3 tal-Kap 9 fuq citat, il-kuncett ta` delitt fil-ligi civili, u l-preskrizzjoni kif stabbilita fl-artiklu 2154(1) tal-Kap.16) u jista`, f certu gurisdizzjonijiet, jintalab anke fil-kors ta` proceduri kriminali. B'hekk issorgi l-kwistjoni tal-applikabbilita` tal-artiklu 6(1).*

*“Skont l-awturi Harris, O`Boyle & Warbrick (Law of the European Convention on Human Rights, 3rd edition, p.392):*

*“Civil rights and obligations may be determined in criminal proceedings. This is so, for example, where a criminal prosecution is the remedy provided in national law for the enforcement of a civil right, as, for example, in some legal systems in connection with the right to a reputation ("See e.g.Helmers vs Sweden A 212-A (1991); 15 EHRR 285 PC). But Article 6 does not apply if the defamation prosecution is intended to punish:Rekasi v Hungary No 315061/96, 87-1 DR 164(1996).".Article 6 also applies where a legal system allows the victim of a crime to be joined as a civil party in criminal proceedings against the offender in order to obtain damages or otherwise protect his or her civil rights; however, it does not apply in such cases where the victim`s purpose in being joined is to punish the offender or to intervene on an `actio popularis` basis not to obtain a personal civil remedy.” ("Perez v France 2004 - 1 ;40 EHRR 909 GC .See also Garimpo v Portugal No.66752/01 hudoc (2004)DA).*

*“Il-Qorti Ewropea, fil-kawzi Tommasi vs France ( App. No. 12580/87 - 27 August 1992), Acquaviva vs France (App. No. 19248/91 (GC) - 21 November 1995) u Perez vs France (App.No. 47287/99 - 12 February 2004) kienet rinfaccjata b`sitwazzjoni fejn il-parte civile fi proceduri kriminali seta` jitlob kumpens ghad-danni .Fil-kuntest tal-procedure kriminali Franciza, l-ghotja tal-kumpens hija preordinata ghas-sejba ta` htija fil-process kriminali b`differenza malprocedura taghna.*

*"Il-pozizzjoni tal-Ligi Franciza giet imfissra mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta` Perez:-*

*"1.`Civil proceedings must await the outcome of criminal proceedings"` (Article 4 § 2 of the Code of Criminal Procedure). The civil court must suspend judgment until the criminal court has issued a final ruling in the prosecution.*

*2. `A final criminal judgment prevails over a civil claim." A civil court is bound by the final decision in a prosecution. The primacy of a decision in a criminal case is not prescribed by law in the strict sense but derives from case-law;"*

*"Fl-istess kaz, Perez v France, il-Qorti Ewropea ikkumentat fuq il-kaz Tommasi v France u sabet li:*

*"The right to compensation claimed by Mr Tomasi therefore depended on the outcome of his complaint, in other words on the conviction of the perpetrators of the treatment complained of. It was a civil right, notwithstanding the fact that the criminal courts had jurisdiction (see, mutatis mutandis, the Moreira de Azevedo v. Portugal judgment of 23 October 1990, Series A no. 189, p. 17, § 67)." 12*

*"Fil-kaz Acquaviva v France, il-Qorti irriteniet li:*

*"47. The Court notes that the Acquaviva`s application, which was allowed by the investigating judge and not opposed by the prosecuting authority, temporarily denied them access to the civil courts for the purpose of seeking compensation for any damage that they may have. sustained. By choosing the avenue of criminal procedure, the applicants set in motion judicial criminal proceedings with a view to securing a conviction, which was a prior condition for obtaining compensation, and retained the right to submit a claim for damages up to and during the trial.*

*The finding of self-defense – which excluded any criminal or civil liability – made by the Indictment Division of the Versailles Court of Appeal ........ deprived them of any right to sue for compensation. The outcome of the proceedings was therefore, for the purposes of Article 6 § 1, directly decisive for establishing their right to compensation."*

*"F kaz iehor, Calvelli and Giglio v Italy (13 Application no. 32967/96 - 17 January , 2002) intqal hekk :*

*"62. ....It notes that it is common ground that the applicants were joined as civil parties and that, accordingly, even though the proceedings in the criminal courts concerned only the determination of the criminal charge against the doctor, they were apt to have repercussions on the claims made by the applicants as civil parties. The Court considers that Article 6 § 1 is applicable to the criminal proceedings, the decisive factor being that, from the moment the applicants were joined as civil parties until the conclusion of those proceedings by a final ruling that prosecution of the offence was timebarred, the civil limb of those proceedings remained closely linked to the criminal limb. In that connection, the applicants were entitled, in accordance with the Court`s settled case-law, to rely on Article 6 § 1 (see, among many other authorities, Torri v. Italy, judgment of 1 July 1997, Reports 1997-IV, p. 1179, § 23)."*

*"Il-Qorti Ewropea fil-kaz ta` Perez, rat il-htiega li tfisser "a new approach" ghar-raguni li :-*

*"3. The Court considers that its case-law may present a number of drawbacks, particularly in terms of legal certainty for the parties, in that after Tomasi it found it necessary to ascertain whether, firstly, there was a "dispute" over a "civil right" which was arguably recognised under domestic law and, secondly, whether the outcome of the proceedings was directly decisive for such a right.*

*"4. The Court thus wishes to end the uncertainty surrounding the applicability of Article 6 § 1 of the Convention to civil-party proceedings, particularly since a number of other High Contracting Parties to the Convention have similar systems." -omissis-*

*"5. The Court further notes that, even where criminal proceedings are determinative only of a criminal charge, the decisive factor for the applicability of Article 6 § 1 is whether, from the moment when the applicant is joined as a civil party until the conclusion of those criminal proceedings, the civil component remains closely connected with the criminal component (see Calvelli and Ciglio v. Italy [GC], no. 32967/96, § 62, ECHR 2002-I), in other words whether the criminal proceedings affect the civil component. A fortiori, Article 6 must apply to proceedings relating both to the criminal charge and to the civil component of the case."*

***"Applikati l-principjji hawn fuq traccjati, hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li l-proceduri kriminali fil-Ligi Maltija mhumiex***

***determinanti ghall-otteniment tad-dritt civili ghad-danni mfittxa mir-rikorrent."***

*"L-Art .532A ma jbiddel xejn minn din is-sitwazzjoni.*

*"Ghalkemm id-dritt ghall-kumpens reklamat mir-rikorrent huwa indubbjament dritt civili, mhix konvinta li, bl-applikazzjoni tal-artiklu 532A tal-Kap.9 ikun hemm joinder of the civil and criminal actions bl-iskop ,ghall-azzjoni civili, ta` risarciment tad-danni. Minn ezami talartiklu 410 (3) tal-Kap 9, jirrizulta biss li l-parte civile tinghata certu drittijiet procedurali fil-kors tal-process kriminali. Essenzjalment ir-rwol tal-parte civile huwa biex jiehu sehem attiv, minghajr ma jissostitwixxi l-prosekuzzjoni, fl-ezami tax-xhieda, fl-interrogatorju, fil-kontroezamijiet, li jressaq il-provi tieghu u anke li jaghmel sottomissjonijiet. Imma l-iskop tal-process kriminali jibqa` dejjem wiehed - is-sejba ta` htija oltre kull ragjonevoli dubju.*

*"Minn harsa lejn l-art.532A, gja rapportat iktar `il fuq, il-Qorti tikkonkludi li l-kundanna tal-akkuzat, gjaladarba jinsab hati, ghall-hlas tad-danni lill-vittma, hija biss fakultattiva ghall-Qorti, - mizura li tista` tordna meta tipprefiggi l-piena applikabbli ….*

***"Inoltre ma jistax jinghad li l-proceduri kriminali ghandhom impatt determinanti fuq l-azzjoni civili. L-artiklu 3 tal-Kap.9 jitkellem car dwar is-separazzjoni bejn iz-zewg azzjonijiet. L-azzjoni civili mhix sospiza sakemm tigi determinata l-htija tal-akkuzat u tista` tirnexxi anke jekk lakkuzat jigi liberat fil-process kriminali. Difatti, anke l-applikazzjoni tal-artiklu 532A m`hi determinanti fuq l-azzjoni civili in kwantu l-artiklu 24 tal-Kap 446 espressament jhalli lill-vittma l-jedd li jfittex kull ammont iehor in eccess tad-danni li joghgobha tordna l-Qorti kriminali."***

*"**Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess ir-rimedju civili li ghandu r-rikorrent jibqa` wiehed indipendenti mill-process kriminali, filwaqt li l-process kriminali bl-ebda mod ma jincidi fuq il-jedd li jfittex tali rimedju civili.** Konsegwentement mhuwiex applikabbli ghall-kaz in ezami s-subinciz 1 ta` l-art. 6 ta` l-ewwel skeda tal-Kap 319."*

(enfasi ta` din il-Qorti)

Din id-decizjoni kienet appellata.

Fis-sentenza li tat fit-12 ta` Frar 2016, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti.

Il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

*Jirrizulta pacifiku illi abbazi tal-Artikolu 3 tal-Kap 9 tal-Ligijiet taghna, l-azzjoni kriminali u dik civili huma separati u distinti u wahda la timpingi fuq l-ezitu tal-ohra u wisq inqas tistenna l-ezawriment tal-ohra sabiex tigi deciza. Dan ma jistax jinghad ghas-sistemi guridici Ewropej kollha. Per ezempju, kif osservat mill-Ewwel Qorti, b`differenza malprocedura taghna, fil-process kriminali Franciz, l-ghotja tal-kumpens hija konsegwenzjali ghas-sejba ta` htija.*

*Hekk ukoll huwa differenti l-istatus li jinghata lill-`assistente` (parte civile) fis-sistema Portugiza, fejn kif spjegat il-Qorti ta` Strasbourg fissentenza Moreira de Azevedo v. Portugal:*

*"67. The impact on civil proceedings of the status of assistente, which attached to the applicant during the criminal proceedings, is the subject of controversy among Portuguese legal writers. Clearly the applicant could have used the right made available to him under Article 32 of the Code of Criminal Procedure to submit a formal claim for damages, but the Court cannot disregard the principles laid down by the Supreme Court in its "ruling" judgment (assento) of 28 January 1976 (see paragraph 54 above). In the light of these principles it appears that to intervene as an assistente is equivalent to filing a claim for compensation in civil proceedings.*
*"By acquiring this status, Mr Moreira de Azevedo demonstrated the importance which he attached not only to the criminal conviction of the accused but also to securing financial reparation for the damage sustained. Moreover, his application that the decision as to quantum be deferred until the subsequent enforcement proceedings (see paragraph 46 above) confirms that he genuinely expected to be paid damages.*

*"68. In conclusion, Article 6 para. 1 (art. 6-1) applies to this case." (ECHR 11296/84, 23/10/1990, para 67,68).*

*26. Ghalhekk huwa car, illi b`differenza ghall-figura tal-parte civile fissistema taghna, is-sistema Portugiza tipprevedi illi l-fatt inniffsu illi wiehed jintervjeni fil-kawza penali bhala parti civili huwa ekwivalenti ghal talba ghal kumpens f`azzjoni civili.*

*27. Hekk ukoll fis-sistema Taljana, specjalment qabel is-sena 1990 meta saru r-riformi fil-Kodici Penali, l-azzjoni civili u l-azzjoni penali kienu dipendenti wahda fuq ohra, tant li kien hemm (u ghad hemm xi whud) (Vide Codice di Procedura Penali, Parte Prima, Libro Primo, Titolo V, Art 75 – Rapporti tra Azione Civile e Azione Penale) cirkostanzi fejn l-azzjoni civili tigi sospiza sakemm tigi determinata l-azzjoni penali. Tant hu hekk illi l-Qorti ta` Strasbourg ikkonsidrat f Calvelli and Ciglio v. Italy (ECHR 32967/96, 17/01/2002, para 62) illi `from the moment the applicants were joined as civil parties until the conclusion of those proceedings by a final ruling that prosecution of the offence as timebarred, the civil limb of those proceedings remained closely linked to the criminal limb.` Dan ifisser, li ma kinitx biss mera possibilita` li l-parte civile jitlob kumpens fil-procedura penali (bhal ma huwa l-kaz tarrikorrent odjern fil-proceduri penali de quo abbazi tal-Artikolu 532A tal-Kap 9) izda kien hemm rabta cara u dipendenza bejn iz-zewg azzjonijiet. Kien ghalhekk li l-Qorti Ewropea ddecidiet illi ghandu japplika l-Artikolu 6(1).*

*28. Kien imbaghad fil-kaz Perez v. France (ECHR 47287/99, 12/02/2004, para 5), li l-Qorti ta` Strasbourg iccarat illi it-test li jrid isir sabiex jigi determinat huwiex applikabbli lArtikolu 6(1) huwa: `whether, from the moment when the applicant is joined as a civil party until the conclusion of those criminal proceedings, the civil component remains closely connected with the criminal component (see Calvelli and Ciglio v. Italy [GC], no. 32967/96 § 62, ECHR 2002-1), in other words whether the criminal proceedings affect the civil component`.*

*29. L-Ewwel Qorti tajjeb irriteniet illi l-principji hawn fuq enuncjati millQorti ta` Strasbourg ma japplikawx ghas-sistema Maltija, fejn iddistinzjoni bejn l-azzjoni civili u l-azzjoni kriminali hija ben distinta u separata, mhux biss ghax hekk jipprovdi l-Artikolu 3 tal-Kodici Civili lokali, izda wkoll ghaliex anke l-grad ta` prova rikjest f kull wahda minnhom huwa differenti. Huma korretti ghalhekk l-intimati meta jghidu illi jista` jigri li ghalkemm wiehed jinheles mill-akkuzi migjuba kontrih, izda xorta jista` jinsab responsabbli ghad-danni rekati minnu fl-azzjoni civili. Dan jista` jsehh biss in kwantu l-azzjonijiet huma separati u indipendenti u ghalhekk ma tezistiex il-`close connection` li ghamlet referenza ghaliha l-Qorti ta` Strasbourg.*

*30. Fir-rigward imbaghad tas-sentenza tal-Qorti ta` Strasbourg li jikkwota r-rikorrenti Gorou v. Greece, jinghad illi dan ikkwota biss partijiet individwali mill-konsiderazzjonijiet tal-Qorti, li wahedhom ma jirrendux tajjeb l-ideja ta` dak li sahhqet*

*dwaru l-istess Qorti. Is-segwenti bran, jaghmel diversi referenzi ghall-kaz tal-istess Qorti Perez v. France u jispjega t-taghlim tal-Qorti Ewropea dwar meta l-Artikolu 6(1) ghandu japplika ghall-parte civile:*

*"24. The Court reiterates that the Convention does not confer any right, as such, to have third parties prosecuted or sentenced for a criminal offence. To fall within the scope of the Convention such right must be indissociable from the victim`s exercise of a right to bring civil proceedings in domestic law, even if only to secure symbolic reparation or to protect a civil right such as the right to a "good reputation" (see Perez, cited above, § 70).*

*"25. The import of this case-law is that Article 6 § 1 of the Convention applies to proceedings involving civil-party complaints from the moment the complainant is joined as a civil party, unless he or she has waived the right to reparation in an unequivocal manner (see Perez, cited above, § 66).*

*"26. In the present case the applicant applied for civil-party status, claiming a sum equivalent to about three euros, in criminal proceedings concerning charges of perjury and defamation. Accordingly, Article 6 § 1 is applicable, above all because the impugned proceedings involved the right to a "good reputation" (see Perez, cited above, §§ 70-71, and Schwarkmann v. France, no. 52621/99, § 41, 8 February 2005). Moreover, the proceedings had an economic aspect, on account of the sum – however symbolic – of about three euros which the applicant claimed in joining them as a civil party. "Having regard to the foregoing, this preliminary objection of the Government must be dismissed." (ECHR 12686/03, 20/03/2009, para 24-26)*

*31. Dawn il-principji gew ukoll ikkonfermati fil-Practical Guide to Article 6 – Civil Limb (Council of Europe / European Court of Human Rights, 2013, pg 8) fejn jinghad:*

*"23. Article 6 § 1 is applicable to a civil-party complaint in criminal proceedings (Perez v. France [GC], §§ 70-71), except in the case of a civil action brought purely to obtain private vengeance or for punitive purposes (Sigalas v. Greece, § 29; Mihova v. Italy (dec.)). The Convention does not confer any right, as such, to have third parties prosecuted or sentenced for a criminal offence. To fall within the scope of the Convention, such right must be indissociable [enfasi ta` din il-Qorti] from the victim`s exercise of a right to bring civil proceedings in domestic law, even if only to secure symbolic reparation or to protect a civil right such as the right to a "good reputation" (Perez v. France*

*[GC], § 70; see also, regarding a symbolic award, Gorou v. Greece (no. 2) [GC], § 24). Therefore, Article 6 applies to proceedings involving civil-party complaints from the moment the complainant is joined as a civil party, unless he or she has waived the right to reparation in an unequivocal manner".*

*32. Jirrizulta ghalhekk illi l-Artikolu 6(1) ma japplikax ghal parte civile meta l-azzjoni tkun biss sabiex tigi stabbilita l-htija o meno tal-imputat skont l-akkuzi migjuba kontrih, izda jehtieg illi dik l-azzjoni kriminali tkun strettament marbuta mal-jedd tal-vittma illi tipprocedi b`azzjoni civili, anke jekk tali azzjoni civili tkun semplicement talba ghal kumpens simboliku jew ghal protezzjoni tar-reputazzjoni tal-istess.*

*33. Kif ben ikkwotat l-Ewwel Qorti mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Francis Xavier sive Frank Mifsud v. Avukat Generali deciza fit-2 ta` Novembru 2001, l-Artikolu 6(1) ma jistax jitqies illi japplika jekk l-appellant "kellu rimedju iehor quddiem il-qrati civili, indipendenti mill-process kriminali li kien jassiguralu l-protezzjoni ta` tali dritt..." bhal ma hu fil-kaz odjern fejn l-appellant ghandu a disposizzjoni tieghu rimedju quddiem il-Qorti Civili li jimxi indipendentement mill-procediment kriminali.*

*34. Ir-rikorrent jissokta jghid illi gia` ladarba, permezz tal-Artikolu 532A tal-Kap 9, huwa ghandu dritt ex lege illi jikseb kumpens finanzjarju ghad-danni sofferti minnu permezz tal-proceduri kriminali, l-istess proceduri huma determinanti ta` dritt civili tieghu u ghalhekk l-istat ghandu l-obbligu li jassigura u jipprotegi d-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq. Izda din il-Qorti ma tqisx illi l-Artikolu 532 gab il-fuzjoni ta` l-azzjoni kriminali u dik civili naxxenti minn reat.*

*35. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti irriteniet illi ma hijiex konvinta li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 532A, ikun hemm joinder of the civil and criminal actions. L-istess tirritjeni din il-Qorti. L-iskop ewlieni ta` proceduri kriminali jibqa` s-sejba ta` htija tal-imputat oltre kull dubju ragjonevoli u l-konsegwenti attribuzzjoni tal-piena f kaz affermattiv. Il-kelma `tista` turi illi tali mizura mhijiex obbligatorja izda diskrezzjonali ghall-Qorti. Inolt**re, l-Artikolu lanqas ma jipprekludi lill-parti leza milli tipprocedi bi proceduri civili sabiex tizgura l-jedd civili taghha fil-konfront tal-imputati. Lanqas ma jigri, bhal f gurisdizzjonijiet ohra, illi l-azzjoni civili tigi sospiza sabiex u sakemm tigi determinata l-kawza kriminali, tant, illi kif gia` gie osservat, il-kawza civili tista` tirnexxi minkejja l-helsien tal-akkuzat fil-proceduri kriminali.***

*36. Ghaldaqstant, dan kollu jmur biex juri illi l-indipendenza tal-azzjoni civili minn dik kriminali fis-sistema gudizzjarja taghna hija wahda cara u inekwivoka u tenut kont tal-fatt illi l-process kriminali li fih huwa parte civile l-appellant ma jincidi bl-ebda mod fuq l-infurzar ta` dritt civili tieghu quddiem il-qrati civili, l-Artikolu 6(1) ma huwiex applikabbli ghall-kaz odjern."*

(sottolinear ta` din il-Qorti)

Il-fatt li tkompli l-azzjoni penali, b`mod awtonomu, fil-pendenza tal-procediment arbitrali, ma jfissirx b`daqshekk li hekk kif l-azzjoni penali tkun deciza, ikun x`ikun l-esitu taghha, il-procediment arbitrali isir inutili u rrilevanti.

Kif kien spjegat fis-sentenzi fuq riferiti, jibqa` ntatt l-obbligu li l-provi kollha jitressqu kollha kemm huma kemm fil-procediment penali kif ukoll dak civili.

Fil-kawza penali, mhux ser jigi deciz xi dritt jew obbligu civili.

Il-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali sejra tistabilixxi jekk hemmx il-prova tal-akkuza kif dedotta kontra r-rikorrenti. L-ghan tal-process kriminali huwa li tigi komminata piena kontra l-akkuzati fil-kaz illi jirrizultaw ippruvati l-akkuzi dedotti kontra taghhom skont kif jipprovdi d-dritt penali.

Fil-procediment kriminali, l-akkuzati ghandhom id-dritt ghas-silenzju u jibqa` dejjem fuq spallejn il-prosekuzzjoni l-oneru tal-prova tal-akkuza kontra l-akkuzati.

Il-Qorti ma tarax illi huwa fondat l-argument tar-rikorrenti meta jissottomettu illi kwalunkwe xiehda illi tinstema` fil-proceduri penali tkun tista` tintuza fil-proceduri ta` arbitragg. Ir-rikorrenti jibqghu liberi illi jirregolaw ruhhom, indipendentement liema procediment ikun deciz l-ewwel. Ghalhekk il-fatt illi z-zewg proceduri jibqghu ghaddejjin fuq binarji paralleli ma jammontax ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq.

Din il-Qorti ssib konfort fis-sentenza li trattat talba simili ghal dik tal-lum. Qeghda tirreferi ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta` Frar 2017 fil-kaz ta` **<u>Ir-Repubblika ta` Malta vs Martin Dimech.</u>**

Hemm kien trattat appell tal-akkuzat minn sentenza dwar riferenza kostituzzjonali li tat din il-qorti fil-15 ta` Dicembru 2016.

Il-kwistjoni li kienet riferita lil din il-Qorti mill-Qorti Kriminali kienet tghid hekk :-

*"... jekk id-decizjoni ta` din il-Qorti li ma tissoprassjedix, b`xi mod tilledi d-dritt tar-rikorrent [allura akkuzat] taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u/jew that l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni".*

L-Ewwel Qorti qalet hekk :-

*... huwa accettat li din il-Qorti, fis-setghat partikolari kostituzzjonali taghha, mhijiex mizmuma milli taqta` u tiddeciedi, meta jkun il-kaz, jekk xi qorti ohra tkunx kisret xi jedd fundamentali ta` persuna kemm b`xi pronuncjament taghha, kemm b`xi mgiba partikolari waqt is-smigh, kemm b`xi ksur tar-regoli essenzjali tal-procediment li jkun inzamm quddiemha, u kif ukoll dwar xi nuqqas kostitutiv taghha li b`xi mod jikser il-jedd ta` smigh xieraq. Naturalment, stharrig bhal dan ma jibdilx lil din il-Qorti f'wahda li twettaq is-setghat proprji tal-qorti li tkun mistharrga, liema setghat huma merfugha mil-ligi ghal dik il-qorti partikolari (Kost. 9.10.2001 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Micallef vs Avukat Generali et</u>** (Kollez. Vol. LXXXV.i.239) 27);*

*"Illi huwa f'dawn it-termini li sejra tqis ir-Riferenza mibghuta lilha millQorti Riferenti. Ghalhekk, din il-Qorti mhijiex sejra taghmilha ta` qorti ta` appell fuq il-Qorti Riferenti, ghaliex dan mhuwiex ix-xoghol li trid taghmel biex tistharreg kif jixraq ir-Riferenza li saritilha. Ir-Riferenza mressqa mill-Qorti Riferenti trid titqies biss fil-parametri tal-formulazzjoni maghmula u fil-qafas ta` ksur tad-dritt ghal smigh xieraq. Jidher li l-akkuzat isejjes ic-cahda tas-soprasessjoni mal-jedd ta` access effettiv ghal qorti. Huwa jargumenta li d-Degriet tal-Qorti Riferenti kien icahhdu milli jaccedi ghal qorti ghaliex, jekk il-Guri kellu jitkompla sakemm ikun ghadu qieghed jinstema` l-ilment tieghu dwar ksur ta` jedd fundamentali quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) taht l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, kien sejjer ikun effettivament imcahhad minn smigh xieraq. Izid jghid li l-Istat ghandu obbligu pozittiv li jahlaq "mekkanizmu" ghal access effettiv ghall-qrati;*

*"Illi min-naha tieghu, l-Avukat Generali jishaq li hija diskrezzjoni moghtija lil kull Qorti li tqis u taghzel jekk ghandhiex*

*tissoprassjedi u zzomm is-smigh ta` kawza sakemm tkun ghaddejja kawza ohra li tista` taffettwaha. Dik id-diskrezzjoni taghtihielha l-ligi u ma tistax b`hekk tissarraf fi ksur tal-jedd ghas-smigh xieraq jekk kemm-il darba dik ilQorti ssib li hemm kundizzjonijiet biex taghzel li zzomm is-smigh ta` kawza jew jekk taqtaghha li ma jkunx hemm dawk il-kundizzjonijiet. Iseddaq dan l-argument billi jghaddi biex isemmi ghadd ta` sentenzi, moghtijin kemm mill-Qrati Maltin u kif ukoll minn dik ta` Strasburgu;*

*"Illi, kif inghad, jidher li r-Riferenza titlob stharrig kemm taht il-Kostituzzjoni u kif ukoll taht il-Konvenzjoni;*

*"Illi safejn huwa rilevanti ghall-kaz tal-lum, l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li*

*"Kull meta xi hadd ikun akkuzat b`reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b`ligi".*

*Barra minn hekk, l-artikolu 39(2) jipprovdi li :*

*"Kull Qorti jew awtorita` ohra mwaqqfa b`ligi ghad-decizjoni dwar lezistenza jew l-estensjonijiet ta` drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli".*
*Min-naha l-ohra, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li :*

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi. ...";*

*"Illi l-Qorti sejra tqis ir-Riferenza li saritilha taht dawn id-dispozizzjonijiet flimkien u dan ghaliex jidher li d-dispozizzjonijiet talKostituzzjoni huma miruta minn dawk tal-Konvenzjoni u jixxiebhu ghalihom, u wkoll ghaliex l-istess Riferenza tfasslet biex tqis il-kwestjoni specifika tal-principju tas-smigh xieraq fid-dawl ta` degriet moghti minn qorti;*

*"Illi xieraq jinghad li huwa accettat li s-soprasessjoni tas-smigh ta` kawza tista` b`mod eccezzjonali tinghata meta tali smigh fl-istess waqt ta` zewg kawzi ma jkunx jista` jsir. Madankollu, billi hija eccezzjoni ghar-regola generali li kull kawza ghandha*

*tinstama` sakemm tigi maqtugha, trid tinghata dejjem taht kundizzjonijiet li ghandhom ikunu serji bizzejjed biex dan isir (App. Civ.: 28.10.1935 fil-kawza fl-ismijiet **Mifsud noe vs Abela et.** (Kollez. Vol:XXIX.i.1295). Kemm hu hekk, inghad sahansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali (P.A. Kost.: 12.8.1994 fil-kawza fl-ismijiet **Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et** (Kollez. Vol: LXXVIII.i.211), li l-eccezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti ghandha tieqaf milli tkompli tisma` kawza bhala tali, fis-sistema procedurali taghna, mhijiex kontemplata ghaliex l-eccezzjoni li l-Kodici tal-Procedura Civili jikkontempla hija l-eccezzjoni maghrufa bhala lis alibi pendens (Kost. 20.7.1994 fil-kawza fl-ismijiet **Mifsud vs Onor. Prim`Ministru et** (Kollez. Vol: LXXVIII.i.171) u P.A. Kost LSO 21.7.2015 fil-kawza fl-ismijiet **Partit Nazzjonalista et vs Kummissjoni Elettorali et** (in parte)) u din l-eccezzjoni tipprospetta necessarjament li jkun hemm zewg kawzi ghaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;*

*"Illi huwa minhabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bhala provvediment ordinatorju mholli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bhal dik (Ara, per ezempju, App. Civ. 23.6.1869 fil-kawza fl-ismijiet **German et vs Scicluna et** (Kollez. Vol: V.157); P.A. 23.1.1946 fil-kawza fl-ismijiet **Bugeja vs Zammit** (Kollez. Vol: XXXII.ii.197) u App. Kumm.: 26.3.1984 fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttigieg et noe** (mhix pubblikata). Provvediment bhal dan huwa meqjus bhala wiehed interlokutorju (App. Civ. 22.5.1989 fil-kawza fl-ismijiet **Mallia et vs Bezzina et** (Kollez. Vol: LXXIII.ii.338). Huwa provvediment li jitqies bhala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigh ta` kawza, meta n-norma hija, kif inghad, li kawza li tinbeda ghandha tinstama` sa ma tinqata` (App. Civ. 4.11.1957 fil-kawza fl-ismijiet Cardona vs Pisani (Kollez. Vol: XLI.i.547).*

*Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bhala wiehed "alejatorju" (P.A. 23.5.1997 fil-kawza fl-ismijiet **Camilleri noe vs Vassallo Gatt pro et noe** (Kollez. Vol: LXXXI.iii.83) li, minhabba t-termini ebsin tal-Kodici Procedurali dwar is-smigh taghhom, jista` jwassal ghad-dezerzjoni tal-proceduri mwaqqfa. Ghal bosta snin, il-Qrati taghna sabu li t-twaqqif ta` smigh ta` kawza biex tistenna l-ezitu ta` kawza ohra li diga` tressqet jew sakemm titressaq wahda fuq punt eccezzjonali huwa rakkomandat biss fil-kaz meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta` xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawza li sejra titwaqqaf (P.A. 12.4.1962 fil-kawza fl-ismijiet **Azzopardi et vs Critien pro et** (Kollez. Vol: XLVI.ii.591) u App. Civ. 6.10.1999 fil-kawza fl-ismijiet **Grima et vs Frendo et** (Kollez. Vol: LXXXIII.ii.393);*

*"Illi fuq kollox, il-Qorti ma ghandhiex tordna s-soprasessjoni jekk kemm-il darba jintwera li l-parti l-ohra tkun sejra ggarrab pregudizzju minhabba d-dewmien (P.A.. JZM 25.3.2013 fil-kawza fl-ismijiet* **Amber Properties Ltd vs Central Holidays (Travel Agents & Organisers) Ltd et** *(in parte). Il-Qorti tinnota li t-talba maghmula mill-akkuzat ma hijiex l-ewwel talba tal-ghamla taghha u l-Qrati diga` kellhom jipprovdu dwarha sewwasew f kawzi li jirrigwardaw kwestjonijiet marbutin ma` procedimenti dwar ksur ta` jeddijiet fundamentali (Ara, fost l-ohrajn, P.A. LM 17.2.2015 fil-kawza fl-ismijiet* **Josephine Azzopardi et vs Philip Grima et** *(in parte)).*

*Principju li ntlaqa` mill-Qorti Kostituzzjonali f dan ir-rigward hu li dik il-Qorti ma tindahalx fit-twettiq minn xi Qorti ohra dwar jekk ghandhiex tilqa` jew tichad talba ghal soprasessjoni, sakemm tali Qorti "tkun imxiet b`mod irregolari jew hadet decizjoni manifestament zbaljata" (Kost. 17.11.1993 fil-kawza fl-ismijiet* **Portelli vs Onor. Prim Ministru et** *(Kollez. Vol: LXXVII.i.149).*

*"Illi din il-Qorti taghraf bejn dawk il-provvedimenti ordinatorji li taghti kull Qorti li jolqtu l-qalba tal-procediment u dawk li jkunu mahsuba biex irazznu xi tentattiv ta` xi wahda mill-partijiet biex il-kaz jittawwal bla bzonn jew jintilef f dettal mhux ewlieni jew siewi ghas-soluzzjoni tal-kaz. Jidher li l-istharrig dwar ilment ta` ksur ta` jedd ghal smigh xieraq huwa izjed rigoruz f tal-ewwel milli f tat-tieni, ghaliex sakemm id-decizjoni tac-cahda fl-ewwel kaz ma tintweriex li hija wahda ghal kollox irragonevoli jew arbitrarja, decizjoni bhal dik taqa` fl-ambitu talfunzjoni deliberativa ta` dik il-qorti u ghalhekk qajla tissarraf fi ksur taljedd ta` smigh xieraq (Q.E.D.B. 18.6.2002 fil-kawza fl-ismijiet* **Wiezrbicki vs Polonja** *(Applik. Nru. 24541/94) §§ 39 u 45);*

*"Illi meta l-Qorti qieset dawn il-konsiderazzjonijiet kollha fil-qafas talfatti u tac-cirkostanzi li jsawru l-kaz tal-akkuzat, issib li d-Degriet ma jista` bl-ebda mod jitqies li kiser jew li hemm il-bizgha li jikser il-jedd tal-istess akkuzat dwar l-access tieghu ghal Qorti biex l-ilment tieghu ikun mistharreg kif jisthoqq. Ghall-kuntrarju, tqis li l-Qorti Riferenti kienet ghal kollox attenta u b`ghajnejha miftuha ghad-delikatezza tal-qaghda tal-akkuzat u tal-ilment tieghu, l-izjed ghaliex il-bizgha tal-akkuzat kienet diga` hadet is-sura ta` kawza ohra ta` ksur ta` jeddijiet fundamentali u kienet ghaddejja t-tieni kawza bhalha miftuha minnu.*

*Din il-Qorti tqis li r-Riferenza saret aktar "ex abundante cautela" milli ghal hag`ohra, u ma ghandhiex dubju li kieku l-Guri kompla jinstema`, il-Qorti Riferenti kienet sensittiva bizzejjed ghall-*

*kwestjonijiet marbuta mal-jedd tal-akkuzat ghal smigh xieraq li dak il-harsien kien jinghata bi tmexxija ghaqlija tal-kaz. Min-naha l-ohra, din il-Qorti ma nghatatx argumenti tajbin bizzejjed min-naha tal-akkuzat li juruha li d-Degriet kien tassew jissarraf fi pregudizzju ghall-kazijiet li huwa kellu pendenti kemm quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) u kif ukoll quddiem il-Qorti fi Strasburgu;*

*"Illi f kull kaz, fil-mori ta` din ir-Riferenza, kemm il-kaz imressaq mill-akkuzat quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) u kemm dak imressaq minnu quddiem il-Qorti fi Strasburgu nstemghu u nghatat is-sentenza dwarhom b`ezitu mhux favurih. Ghalhekk, fid-dawl ta` din ic-cirkostanza wkoll jidher li c-cahda tas-soprasessjoni maghmula millQorti Riferenti ma kenitx wahda sostanzjalment hazina u lanqas wahda li wasslet ghal ksur tal-jedd tal-akkuzat ghal smigh xieraq;".*

Fl-appell, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

*Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, kif rilevat mill-Avukat Generali, il-meritu tal-proceduri odjerni llum jinsab ezawrit bis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea fil-kaz fl-ismijiet* ***<u>Martin Dimech v. Malta</u>****, [App. 34373/13, deciza finalment fit-2 ta` Lulju 2015] fejn dik il-Qorti kkonkludiet li, tenut kont tal-istadju li fih waslu l-proceduri kriminali, kif ukoll u b`mod partikolari, tenut kont tal-fatt li l-ezami tal-punt jekk lakkuzat sofriex ksur tad-dritt ghal smigh xieraq necessarjament jinvolvi ezami tal-proceduri kriminali fit-totalita` taghhom, inkluz il-fattur jekk lakkuzat jinstabx hati jew le, dik il-Qorti kkonsidrat il-kaz tal-akkuzat, allura applikant, bhala prematur. Hija fissret hekk il-konsiderazzjonijiet taghha:*

*"43. The Court notes that according to its constant case-law the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, that is, once they have been concluded. However, the Convention organs have also held that it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see, inter alia, X. v. Norway, Commission decision of 4 July 1978, Decisions and Reports (DR) 14, p. 228; Bricmont v. Belgium, 7 Rik. Kost. 70/13 15 July 1989, Series A no. 158; Papadopoulos v. Greece, (dec.), no. 52848/99, 29 November 2001; Arrigo and Vella v. Malta (dec.), no. 6569/04, 10 May 2005 and Pace v. Malta (dec.), no. 30651/03, 8 December 2005). At the same time, the Convention organs have*

*also consistently held that such an issue can only be determined by examining the proceedings as a whole, save where an event or particular aspect may have been so significant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of the proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case (see, inter alia, X v. Switzerland, no. 9000/80, Commission decision of 11 March 1982, DR 28, p. 127; B v. Belgium, Commission decision of 3 October 1990, DR 66, p. 105; Cervero Carillo v. Spain, (dec.), no. 55788/00, 17 May 2001; Mitterrand v. France (dec.) no. 39344/04, 7 November 2006 and more recently, De Villepin v. France (dec.), no. 63249/09, 21 September 2010).*

*……………………….omissis………………………*

*"46. Furthermore……..the Court considers that it cannot be excluded that the applicant be eventually acquitted or that proceedings be discontinued.*

*"47. The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame v. Belgium (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010).*

*"48. The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant`s possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies".*

*14. Konsidrat il-premess din il-Qorti tikkondividi l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li "ic-cahda [tat-talba] ghas-soprassessjoni maghmula mill-Qorti Riferenti ma kenitx wahda sostanzjalment hazina u lanqas wahda li wasslet ghal ksur tal-jedd tal-akkuzat ghal smigh xieraq" u kif osservat il-Qorti Ewropea jibqa` impregudikat id-dritt tal-akkuzat li, fit-tmiem il-*

*proceduri kriminali jekk jinstab hati, iressaq mill-gdid l-ilment tieghu li allura jigi kkonsidrat fid-dawl tal-totalita` tal-proceduri."*

Fuq l-istess linja ta` hsieb, din il-Qorti tistqarr illi ma nghatawx ragunijiet tajbin bizzejjed min-naha tar-rikorrenti sabiex juru li d-digriet li cahad is-soprasessjoni kien tassew jissarraf fi pregudizzju ghall-proceduri ta` arbitragg pendenti.

Qed jinghad hekk ghaliex jibqa` mpregudikat id-dritt tar-rikorrenti li fit-tmiem tal-proceduri, iressqu mill-gdid l-ilmenti taghhom, fil-kaz li b`xi mod jew manjiera, ikun jirrizulta li kien hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq.

**Almenu fl-istadju tal-lum, il-Qorti tghid illi mhuwiex ippruvat ghas-sodisfatt taghha kif previst mil-ligi illi bil-prosegwiment taz-zewg proceduri – b`mod distint bejniethom – ser ikun hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq hekk kif pretiz mir-rikorrenti.**

Lanqas huwa fondat l-argument tar-rikorrenti illi jekk il-procedura kriminali tithalla tinstema`, ir-rikorrenti jistghu jsibu ruhhom fis-sitwazzjoni fejn jinstabu hatja fil-procedura penali u jinghataw ragun fl-arbitragg.

Meta tqis in-natura distinta taz-zewg procedimenti, din il–Qorti ma ssib xejn barra min-normal illi persuni jistghu jigu mehlusa kriminalment, u xorta wahda jinstabu responsabbli fi proceduri civili.

Fid-decizjoni li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Settembru 2016 fil-kaz taht ezami qalet hekk :-

*Din il-Qorti fil-fatt tqis ir-rikors tal-atturi ghal ordni ta` soprasessojni u l-appell mid-digriet li cahad it-talba bhala ghal kollox frivoli u mahsuba biex jarenaw il-proceduri kriminali kontriehom.*

*Ir-raguni hi illi ghall-ghanijiet tal-Art 85 tal-Kodici Kriminali (ezercizzju arbitrarju ta` pretensjonijiet) li tahtu gew mixlija l-atturi huwa indifferenti jekk il-jedd pretiz huwiex fondat jew le. L-iskop tal-ligi hu l-harsien tal-ordni pubbliku billi min jippretendi li ghandu jedd ifittex il-harsien ta` ta` dak il-jedd b` mezzi legali (vie di diritto) u mhux billi jiehu l-ligi f idejh (vie di fatto). Ukoll jekk min jippretendi li ghandu dritt tassew ikollu d-dritt minnu pretiz, xorta ghandu jinqeda bil-mezzi legali biex*

*jikseb il-harsien ta` dak il-jedd, u jekk miflok, jiehu l-ligi b`idejh, xorta jkun hati ta` ezercizzju arbitrarju.*

*Il-qorti ma hi b` ebda mod tghid illi l-qtugh tal-elettriku huwa ezercizzju arbitarju ta` dritt – dik hija kwistjoni mhollija ghad-decizjon ital-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali, qeighda tghid biss illi huwa indifferenti ghall-iskop ta` dik id-decizjoni jekk l-atturi kellhomx jew le dak id-dritt u ghalhekk ikun inutli li l-proceduri kriminali jieqfu jistennew id-decizjoni civili dwar id-dritt tal-atturi.*

b) <u>Karenza ta` *equality of arms*</u>

Sar l-argument illi x-xiehda li saret fil-procediment penali kienet sejra tintuza fil-procediment arbitrali civili kontra r-rikorrenti.

Skont ir-rikorrenti, id-divergenza fil-gradi ta` prova fiz-zewg procedimenti ggib vjolazzjoni tal-kriterju tal-*equality of arms*.

Dwar l-*equality of arms,* il-Qorti terga` tirreferi ghal dak illi qalet <u>Karen Reid</u> fir-Raba` Edizzjoni (2011) ta` <u>A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights</u> (Sweet & Maxwell) [op.cit.] :-

***Equality of arms between the parties, or "a fair balance" must be achieved. This means that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions which do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent …***

**Pag 84 :-**

***The accused, and in civil proceedings the parties, must be able to particicpate effectively in proceedings …***

**Pag 85 :-**

*Measures taken in the conduct of a criminal trial must be reconcilable with an adequate and effective exercise of the rights of the defence. The importance of securing defence rights in criminal proceedings has been identified as a principle of democratic society and, in this respect, Art 6 must be interpreted to render them practical and effective rather than theoretical and illusory …*

***The proceedings are looked at as a whole and one restriction on the defence may be insufficient to render the proceedings as a whole unfair …***

Fis-sentenza li tat il-Qorti ta` Strasbourg (ECHR) fis-26 ta` Lulju 2011 fil-kawza "**Huseyn and Others vs Azerbaijan**" inghad hekk :-

*The issue of the adequacy of the time and facilities afforded to an accused must be assessed in the light of the circumstances of each particular case. …*

*188. The Court reiterates that the principle of equality of arms, as one of the fundamental elements of the broader concept of a fair trial, requires each party to be given a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent (see **Nideröst-Huber v. Switzerland**, 18 February 1997, § 23, Reports 1997-I). That right means, inter alia, the opportunity for the parties to a trial to present their own legal assessment of the case and to comment on the observations made by the other party, with a view to influencing the court`s decision (see, mutatis mutandis, **Lobo Machado v. Portugal**, 20 February 1996, § 31, Reports 1996-I, with further references). The requirement of equality of arms, in the sense of a "fair balance" between the parties, applies in principle to both criminal and civil cases ; in criminal cases a lesser degree of latitude is allowed for any deviations from that requirement (see **Dombo Beheer B.V. v. the Netherlands**, 27 October 1993, §§ 32-33, Series A no. 274). …*

*… 200. In determining whether the proceedings as a whole were fair, regard must also be had to whether the rights of the defence have been respected. It must be examined in particular whether the applicants were given the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and to oppose its use."*

Fil-kawza "**Klimentyev vs Russia**" li kienet deciza mill-ECHR fis-16 ta` Novembru 2006 inghad hekk :-

*95. The Court recalls that according to the principle of equality of arms, as one of the features of the wider concept of a fair trial, each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent (see e.g. **Jespers v. Belgium**, no. 8403/78, Commission decision of 15 October 1980, Decisions and Reports (DR) 27, p. 61; **Foucher v. France**, judgment of 18 March 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-II, § 34;*

***Bulut v. Austria***, *judgment of 22 February 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-II, p. 380-381, § 47).”*

Fil-kaz ta` **C.B v Austria** deciz fl-4 ta` April 2013 l-ECHR qalet hekk fil-para 37 tad-decizjoni :-

*“The Court reiterates that the principle of equality of arms – which is one of the elements of the broader concept of fair trial – requires each party to be given a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-à-vis his or her opponent.” (see, among other authorities,* ***GB v. France****, no.44069/98, ECHR 2001-X)”.*

Fil-kitba “**The principle of equality of arms – part of the right to a fair trial**”, Elisa Toma tghid hekk :-

*1.3. In terms of European law, equality of arms involves giving each part the reasonable possibility to present its cause, in those conditions that will not put this part in disadvantage against its opponent. Therefore, the principle of equality of arms allows penalizing all inequalities in communicating certain documents to part (example: sending only to the prosecutor and not also to the defense the police reports)).*

*1.4. Hence, the parts must have the possibility to present in an equal manner all the evidence they hold. As a consequence, a difference in treatment as far as the witness interrogation is concerned may violate the principle of equality of arms, any disparity in documents communication may be sanctioned in the name of this principle. As well, it is mandatory to respect the principle of equality of arms during the appeals.*

*1.5. The Court affirmed that, as the other guarantees provided by art. 6 par. 1 in the Convention, the principle of equality of arms applies to any proceedings be it contentious or gracious. When it is verified if the principle of equality of arms is respected by the national courts, during a concrete procedure, the Court doesn`t not have as purpose to rule on the case, no matter the object (criminal prosecution or complaint concerning the civil rights and obligations).*

Fejn jirrigwarda dan it-tieni lment, din il-Qorti tqis li m`ghandux fondament peress illi ma jirrizulta l-ebda zbilanc fl-*equality of arms* hekk kif qed jigi allegat.

Il-proceduri civili ghandhom jiehdu l-kors taghhom bhalma ser jiehdu l-kors taghhom il-proceduri penali.

Il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju illi min sejjer jiddeciedi l-procediment civili u dak penali sejjer joqghod ma` dak li trid il-ligi ; del resto m`ghandhiex prova li tghid il-maqlub.

Decide

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :-

Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-intimat Avukat Generali.

Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha taghhom u dawk tal-intimat Avukat Generali.

Tordna lill-intervenuti fil-kawza sabiex ihallsu l-ispejjez taghhom.

Onor. Joseph Zammit McKeon
Imhallef

Amanda Cassar
Deputat Registratur